EBA/GL/2017/06

20/09/2017

# Linji Gwida

# dwar il-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jkopru telf ta' kreditu mistenni

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[1]. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 20.11.2017. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eubir-referenza 'EBA/GL/2016/06'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.

4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

# 2. Suġġett, kamp ta’ applikazzjoni, destinatarji u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu sodi għal istituzzjonijiet ta’ kreditu assoċjati mal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni kontinwa ta’ oqfsa kontabilistiċi ta’ telf ta’ kreditu mistenni (“ECL”).

6. Dawn il-linji gwida wkoll jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bi gwida dwar il-valutazzjoni tal-effettività tal-prattiki, il-politiki, il-proċessi u l-proċeduri tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu ta’ istituzzjoni li jaffettwaw il-livelli ta’ provvediment.

## Kamp ta’ applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward ta’ dawk il-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jaffettwaw il-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u l-kejl tat-telf ta’ kreditu mistenni minn skoperturi ta’ għoti ta’ self u provvediment taħt il-qafas kontabilistiku applikabbli. Dawn il-linji gwida japplikaw ukoll meta, fejn ikun permess mill-qafas kontabilistiku applikkabbli, l-ammont riportat tal-iskopertura tal-għoti tas-self jitnaqqas direttament mingħajr l-użu ta’ kont ta’ provvediment. Dawn il-linji gwida ma jistabbilixxu l-ebda rekwiżiti addizzjonali fir-rigward tad-determinazzjoni tat-telf mistenni għall-iskopijiet ta’ kapital regolatorju.

8. Dawn il-linji gwida jibnu fuq l-Artikolu 74 tad-Direttiva 2013/36/UE [2] li jiddikjara li l-istituzzjonijiet għandu jkollhom mekkaniżmi ta’ kontroll intern adegwati, inkluż proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi tajba li jkunu konsistenti ma’ ġestjoni tar-riskji soda u effettiva u jippromwovuha, u l-Artikolu 79(b) u (c) ta’ dik id-Direttiva, li jiddikjara li l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġ jiżguraw li l-istituzzjonijiet ikollhom metodoloġiji interni li jippermettulhom jivvalutaw ir-riskju tal-kreditu tal-iskoperturi għall-obbilganti individwali u fil-livell tal-portafoll, u sistemi effettivi għall-amministrazzjoni u l-monitoraġġ kontinwi tad-diversi portafolli u skoperturi riskjużi, inkluż għall-identifikazzjoni u l-ġestjoni ta’ krediti problematiċi u biex isiru aġġustamenti u dispożizzjonijiet ta' valur adegwati, rispettivament. Barra minn hekk, l-Artikolu 88(1)(b) tad-Direttiva 2013/36/UE jiddikjara li l-prinċipju li “il-korp ta' ġestjoni jrid jiżgura l-integrità tas-sistemi tal-kontabbiltà u tar-rappurtar finanzjarju, inklużi kontrolli finanzjarji u operazzjonali u konformità mal-liġi u l-istandards rilevanti”. Finalment, kif speċifikat fl-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu

[2] Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

japplikaw setgħat superviżorji inkluż li jeħtieġu li l-istituzzjonijiet jirrinfurzaw l-arranġamenti, il-proċessi, il-mekkaniżmi u l-istrateġiji implimentati biex ikun hemm konformità mal-Artikoli 73 sa 74 (l-Artikolu 104(1)(b)), l-applikazzjoni ta' politika speċifika ta' proviżjonament jew it-trattament tal-assi fir-rigward tar-rekwiżiti ta' fondi proprji (l-Artikolu 104(1)(d)).

9. Il-linji gwida stabbiliti fit-taqsima 4.3 japplikaw biss fir-rigward ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jippreparaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom f'konformità mal-Standards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju® ("Standards IFRS®") adottati skont ir-Regolament (KE) 1606/2002[3] u li għalih japplika l-IFRS 9 *Strumenti Finanzjarji* ("IFRS 9).

10. Għal istituzzjonijiet ta' kreditu li għalihom ma japplikawx oqfsa kontabilistiċi tal-ECL, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw japplikaw l-aspetti rilevanti ta' dawn il-linji gwida relatati mal-prattiċi tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu, sa fejn hu xieraq, fi ħdan il-kuntest tal-qafas kontabilistiku applikabbli.

11. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata skont l-Artikolu 109 tad-Direttiva 2013/36/UE.

12. Il-linji gwida stabbiliti fit-taqsima 4.4 għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jissupplimentaw u li jispeċifikaw aktar il-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorjii (SREP) imsemmija fl-Artikolu 97 u 107(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ġestjoni u l-kontrolli tar-riskju tal-kreditu u li jkopru telf ta' kreditu mistenni. L-awtoritajiet kompetenti għalhekk għandhom jikkonformaw mal-linji gwida stabbiliti fit-taqsima 4.4 f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar proċeduri u metodoloġiji komuni għall-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP)[4].

## Destinatarji

13. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

14. Il-linji gwida stabbiliti fit-taqsimiet 4.1, 4.2 u 4.3 huma wkoll indirizzati lill-istituzzjonijiet ta' kreditu kif definit fl-Artikolu 4(1)(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013[5].

[3] Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontijiet (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

[4] EBA GL/2014/13.

[5] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1-337).

# Definizzjonijiet

15. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE, fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fl-IFRS 9 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Provvedimenti | Tfisser l-istokk ta' dispożizzjonijiet ta' telf mis-self ta' skoperturi ta' għoti ta' self li ġie rikonoxxut fil-karta bilanċjali tal-istituzzjoni ta' kreditu, skont il-qafas kontabilistiku applikabbli. |
| Skoperturi ta' għoti ta' self | Tfisser self, impenji ta' self u kuntratti ta' garanzija finanzjarja li għalihom japplika qafas tal-ECL[6]. |
| Aġġustamenti temporanji għal provvediment | Tfisser aġġustamenti għal provvediment użat biex ikopri għal ċirkostanzi meta jidher ċar li l-fatturi ta' riskju eżitenti jew mistennija ma ġewx ikkunsidrati fil-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu u fil-proċess tal-mudellar mid-data tar-rapportar. |

[6] Il-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida tal-EBA jista' jkun differenti mill-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-indeboliment taħt il-qafas kontabilistiku applikabbli. Pereżempju, il-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida tal-EBA hu idjaq mill-kamp ta' applikazzjoni taħt l-IFRS 9.

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta'applikazzjoni

16. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu implimentati fil-bidu tal-ewwel perjodu kontabilistiku li jibda fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara.

# 4. Linji gwida dwar il-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu u li jkopru telf ta' kreditu mistenni

## 4.1 Dispożizzjonijiet ġenerali

### 4.1.1 Applikazzjoni tal-prinċipji tal-proporzjonalità, il-materjalità u s-simetrija

17. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida b'mod li hu xieraq għad-daqs u l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kumplessità tal-attivitajiet u l-portafolli tagħhom, u, b'mod aktar ġenerali, il-fatti u ċ-ċirkustranzi l-oħra kollha rilevanti tal-istituzzjoni ta' kreditu (u l-grupp (jekk hemm) li tappartjeni għalih). L-użu ta' approċċi proporzjonali mfassla sew m'għandux jipperikola l-implimentazzjoni ta' kwalità għolja tal-oqfsa kontabilistiċi tal-ECL.

18. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ukoll jagħtu kunsiderazzjoni xierqa għall-applikazzjoni tal-prinċipju tal-materjalità. Madankollu, din m'għandhiex tirriżulta fi skoperturi jew f'portafolli individwali li jiġu kkunsidrati immaterjali jekk, b'mod akkumulattiv, dawn jirrappreżentaw skopertura materjali għall-istituzzjoni ta' kreditu. Barra minn hekk, il-materjalità m'għandhiex tiġi vvalutata biss fuq il-bażi tal-impatt potenzjali fuq ir-rapport tal-introjtu fid-data tar-rappurtar. Pereżempju, portafoll(i) kbar ta' skoperturi ta' għoti ta' self, bħal ipoteki fuq proprjetà immobbli, ġeneralment jitqiesu bħala materjali anki jekk ikunu kollateralizzati ħafna.

19. Fil-kunsiderazzjoni ta' kif għandha titqies il-proporzjonalità jew il-materjalità fit-tfassil ta' metodoloġija tal-ECL jew fl-implimentazzjoni tagħha, hu importanti li jiġi żgurat li ma jkunx qed jiddaħħal preġudizzju.

20. Ir-rikonoxximent f'waqtu ta' deterjorament tal-kreditu u provvedimenti m'għandux jiddewwem mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-oqfsa kontabilistiċi tal-ECL huma simetriċi b'tali mod li bidliet sussegwenti (kemm deterjoramenti kif ukoll treġġigħ lura ta' dawk id-deterjoramenti) fil-profil tar-riskju ta' kreditu ta' debitur għandhom jitqiesu fil-kejl tal-provvedimenti.

### 4.1.2 Kunsiderazzjoni ta' informazzjoni raġonevoli u li tista' tiġi sostnuta

21. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw firxa wiesgħa ta' informazzjoni meta japplikaw mudelli kontabilistiċi tal-ECL. L-informazzjoni kkunsidrata għandha tkun rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u għall-kejl tal-ECL tal-iskopertura tal-għoti ta' self partikolari li qed tiġi vvalutata, u għandha tinkludi informazzjoni dwar events tal-passat, kundizzjonijiet attwali u previżjonijiet ta' kundizzjonijiet ekonomiċi futuri. L-informazzjoni li

finalment tiġi inkluża fil-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u fil-kejl tal-ECL ukoll għandha tkun raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-ġudizzju tal-kreditu għaqli tagħhom biex jiddeterminaw il-firxa ta' informazzjoni rilevanti li għandha tiġi kkunsidrata u biex jiġi ddeterminat jekk l-informazzjoni hix ikkunsidrata li tkun raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta. Informazzjoni raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta għandha tkun ibbażata fuq fatti rilevanti u ġudizzju sod.

### 4.1.3 Kunsiderazzjoni ta' informazzjoni li tħares 'il quddiem

22. Sabiex jiżguraw rikonoxximent f'waqtu ta' telf ta' kreditu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi fatturi makroekonomiċi. Meta jikkunsidraw informazzjoni li tħares 'il quddiem, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom japplikaw ġudizzju sod konsistenti mal-metodi ġeneralment aċċettati għall-analiżi u l-previżjoni ekonomiċi, u li jista' jiġi appoġġjat minn sett suffiċjenti ta' data.

23. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu kapaċi juru kif ikkunsidraw informazzjoni rilevanti, raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta fil-proċess tal-valutazzjoni u tal-kejl tal-ECL. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom japplikaw ġudizzju tal-kreditu għaqli fil-kunsiderazzjoni ta' xenarji futuri u jqisu l-konsegwenza potenzjali tal-events li jseħħu jew li ma jseħħux, u l-impatt li jirriżulta fuq il-kejl tal-ECL. L-informazzjoni m'għandhiex tiġi eskluża minn dak il-proċess sempliċiment għaliex event ikollu probabbiltà baxxa li jseħħ jew l-effett ta' dak l-event fuq ir-riskju tal-kreditu jew l-ammont ta' telf tal-kreditu mistenni ma jkunx ċert. F'ċerti ċirkostanzi l-informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni u l-kejl tar-riskju tal-kreditu tista' ma tkunx raġjonevoli u tista' ma tiġix sostnuta u għalhekk għandha tiġi eskluża mill-proċess tal-valutazzjoni u tal-kejl tal-ECL. Peress li dawn iċ-ċirkostanzi jkunu eċċezzjonali fin-natura tagħhom, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni dokumentata b'mod ċar u robusta.

24. L-informazzjoni użata għandha tinkludi kunsiderazzjoni imparzjali tal-fatturi rilevanti u l-impatt tagħhom fuq l-affidabbiltà kreditizja u n-nuqqasijiet ta' flus. Il-fatturi rilevanti jinkludu dawk intrinsiċi għall-bank u n-negozju tiegħu jew derivati minn kundizzjonijiet esterni.

## 4.2 Prinċipji dwar prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu u li jkopru telf ta' kreditu mistenni

### 4.2.1 Prinċipju 1 — Responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali u tal-maniġment superjuri

Il-korp maniġerjali[7] u l-maniġment superjuri ta' istituzzjoni ta' kreditu huma responsabbli biex jiżguraw li l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu xierqa, inkluż

[7] Fl-Istati Membri tal-UE jistgħu jiġu osservati diversi strutturi tal-korpi maniġerjali. F'ċerti Stati Membri hi komuni struttura fuq livell wieħed, jiġifieri l-funzjonijiet superviżorji u maniġerjali tal-korp maniġerjali jiġu eżerċitati minn korp wieħed. Fi Stati Membri oħra hi komuni struttura fuq żewġ livelli, li fiha jiġu stabbiliti żewġ korpi indipendenti, wieħed għall-funzjoni maniġerjali u l-ieħor għas-superviżjoni tal-funzjoni maniġerjali.

sistema ta' kontroll intern effettiva, sabiex b'mod konsistenti jiġu ddeterminati provvedimenti adegwati skont il-politiki u l-proċeduri ddikjarati tal-istituzzjoni ta' kreditu, il-qafas kontabilistiku applikabbli u l-gwida superviżorja rilevanti.

25. Il-korp maniġerjali tal-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkun responsabbli biex japprova u b'mod regolari jirrevedi l-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu ta' istituzzjoni ta' kreditu u l-politiki u l-proċessi ewlenin għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-valutazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu konsistenti mal-aptit għar-riskju approvat issettjat mill-korp maniġerjali. Barra minn hekk, sabiex jiġi limitat ir-riskju li l-iskoperturi tal-għoti ta' self jippreżentaw għad-depożitanti u, b'mod aktar ġenerali, għall-istabbiltà finanzjarja, il-korp maniġerjali ta' istituzzjoni ta' kreditu għandu jeħtieġ li l-maniġment superjuri jadotta u jaderixxi għal prattiki ta' sottoskrizzjoni sodi[8].

26. Sabiex jissodisfa dawn ir-responsabbiltajiet, il-korp maniġerjali għandu jitlob lill-maniġment superjuri biex:

a. jiżviluppa u jżomm proċessi xierqa li għandhom ikunu sistematiċi u applikati b'mod konsistenti, biex jiġu ddeterminati provvedimenti xierqa skont il-qafas kontabilistiku applikabbli;

b. jistabbilixxi u jimplimenta sistema ta' kontroll intern effettiva għall-valutazzjoni u l-kejl tar-riskju tal-kreditu; perjodikament jirrapporta r-riżultati tal-proċessi tal-valutazzjoni u tal-kejl tar-riskju tal-kreditu, inklużi stimi tal-provvedimenti tal-ECL tiegħu;

c. jistabbilixxi, jimplimenta u, kif ikun meħtieġ, jaġġorna politiki u proċeduri xierqa biex il-proċess tal-valutazzjoni u tal-kejl tar-riskju tal-kreditu jiġi kkomunikat internament lill-persunal rilevanti kollu, b'mod partikolari membri tal-persunal li huma involuti f'dak il-proċess.

Il-maniġment superjuri għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tar-riskju tal-kreditu approvata mill-korp maniġerjali u għall-iżvilupp tal-politiki u l-proċessi msemmija qabel.

27. Sistema ta' kontroll intern effettiva għall-valutazzjoni u l-kejl tar-riskju tal-kreditu għandha tinkludi:

a. miżuri biex tikkonforma mal-liġijiet, regolament, politiki u proċeduri interni applikabbli;

b. miżuri li jipprovdu sorveljanza tal-integrità tal-informazzjoni użata u li b'mod raġjonevoli jiżguraw li l-provvedimenti riflessi fid-dikjarazzjonijiet u r-rapporti finanzjarji tal-istituzzjoni ta'

[8] Il-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja ppubblika Prinċipji għal prattiki ta' sottoskrizzjoni ipotekarja residenzjali f'April 2012, li għandhom l-għan li jipprovdu qafas għall-ġurisdizzjonijiet biex jissettjaw standards ta' sottoskrizzjoni aċċettabbli minimi għal skoperturi ta' għoti ta' self ta' proprjetà immobbli disponibbli f'www.financialstabilityboard.org/publications/r_120418.pdf. L-EBA ppubblikat Linji gwida dwar il-valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja (EBA/GL/2015/11) li huma allinjati mal-Prinċipji tal-FSB u jkopru wħud minnhom.

kreditu ppreżentati lill-awtorità kompetenti jkunu ppreparati skont il-qafas kontabilistu applikabbli u r-rekwiżiti superviżorji rilevanti;

c. proċessi ta' valutazzjoni u ta' kejl tar-riskju tal-kreditu definiti sew li (filwaqt li jqisuha) huma indipendenti mill-funzjoni tas-self, li fihom:

   i. sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu effettiva li tiġi applikata b'mod konsistenti, li b'mod preċiż tikklassifika d-differenzjar skont il-karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu, tidentifika bidliet fir-riskju tal-kreditu fuq bażi f'waqtha, u tqanqal azzjoni xierqa;

   ii. proċess effettiv biex jiġi żgurat li kull informazzjoni rilevanti, raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta, inkluża informazzjoni li tħares 'il quddiem, tiġi kkunsidrata kif xieraq fil-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u fil-kejl tal-ECL. Dan jinkludi ż-żamma ta' rapporti xierqa, id-dettalji ta' reviżjonijiet li saru, u l-identifikazzjoni u d-deskrizzjonijiet tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal involut;

   iii. politika ta' valutazzjoni li tiżgura li l-kejl tal-ECL iseħħ fil-livell tal-iskopertura ta' għoti ta' self individwali u, fejn ikun meħtieġ biex l-ECL jitkejjel b'mod xieraq skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, anki fil-livell tal-portafoll kollettiv bl-aggruppament ta' skoperturi bbażat fuq karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu maqsuma identifikati;

   iv. proċess ta' validazzjoni tal-mudell effettiv biex jiġi żgurat li l-mudelli tal-valutazzjoni u tal-kejl tar-riskju tal-kreditu jkunu kapaċi jiġġeneraw stimi preċiżi, konsistenti u imparzjali fuq bażi kontinwa. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' politiki u proċeduri li jistabbilixxu l-istruttura tal-akkontabbiltà u tar-rappurtar tal-proċess tal-validazzjoni tal-mudell, regoli interni għall-valutazzjoni u għall-approvazzjoni ta' bidliet għall-mudelli, u r-rappurtar tar-riżultat tal-mudell tal-validazzjoni;

   v. komunikazzjoni u koordinament formali u ċar fost il-persunal tar-riskju tal-kreditu ta' istituzzjoni ta' kreditu, il-persunal tar-rappurtar finanzjarju, il-maniġment superjuri, il-korp maniġerjali u oħrajn li huma involuti fil-proċessi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u tal-kejl tal-ECL. Dan għandu jkun evidenzjat minn politiki u proċeduri bil-miktub, rapporti tal-ġestjoni u minuti tal-kumitati involuti bħall-kumitati tal-korp maniġerjali jew tal-maniġment superjuri; u

d. uffiċċju tal-awditjar intern[9] li:

   i. b'mod indipendenti jivvaluta l-effettività tas-sistemi u l-proċessi tal-valutazzjoni u tal-kejl tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjoni tal-kreditu, inkluża s-sistema tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu; u

[9] L-Artikolu 74 tad-DIrettiva 2013/36/UE u l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna (GL 44).

ii. jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar l-indirizzar ta' kwalunkwe nuqqas identifikat matul din il-valutazzjoni.

### 4.2.2 Prinċipju 2 — Metodoloġiji sodi tal-ECL

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jadottaw, jiddokumentaw u jaderixxu għal politiki li jinkludu metodoloġiji, proċeduri u kontrolli sodi għall-valutazzjoni u għall-kejl tar-riskju tal-kreditu fuq kull skopertura ta' għoti ta' self. Il-kejl ta' provvedimenti għandu jibni fuq dawk il-metodoloġiji u jirriżulta fir-rikonoxximent xieraq u f'waqtu tal-ECL skont il-qafas kontabilistiku applikabbli.

28. Il-proċess tal-valutazzjoni u tal-kejl tar-riskju tal-kreditu għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti biex il-maniġment superjuri jagħmel il-ġudizzji għaqlin tiegħu dwar ir-riskju tal-kreditu ta' skoperturi ta' għoti ta' self, u l-istima relatata tal-ECL.

29. L-istituzzjonijiet ta' kreditu, sa fejn hu possibbli, għandhom iqawwu u jintegraw proċessi, sistemi, għodda u data komuni li jintużaw fi ħdan istituzzjoni ta' kreditu biex jiddeterminaw jekk, meta, u fuq liem termini għandu jingħata l-kreditu; jimmonitorjaw ir-riskju tal-kreditu; u jkejlu l-provvedimenti kemm għal skopijiet kontabilistiċi kif ukoll għal skopijiet ta' adegwatezza kapitali.

30. Il-metodoloġiji tal-provvedimenti ta' istituzzjoni ta' kreditu għandhom jiddokumentaw b'mod ċar id-definizzjoni ta' termini ewlenin relatati mal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u mal-kejl tal-ECL (bħal rati ta' telf u ta' migrazzjoni, events ta' telf u inadempjenza). Fejn jintużaw termini, informazzjoni jew suppożizzjonijiet differenti f'oqsma funzjonali (bħal kontabbiltá, adegwatezza kapitali u ġestjoni tar-riskju tal-kreditu), ir-raġunament sottostanti għal dawn id-differenzi għandu jkun dokumentat u approvat mill-maniġment superjuri. Informazzjoni u suppożizzjonijiet li jintużaw għal stimi tal-ECL għandhom jiġu riveduti u aġġornati kif meħtieġ mill-qafas kontabilistiku applikabbli.

31. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom proċessi u sistemi adegwati fis-seħħ biex jidentifikaw, ikejlu, jivvalutaw, jimmonitorjaw, jirrappurtaw u jimmitigaw b'mod xieraq il-livell tar-riskju tal-kreditu. Matul it-tranżizzjoni għall-mudell kontabilistiku tal-ECL, għandhom jiġu vvalutati proċessi u sistemi eżistenti u, jekk ikun meħtieġ, modifikati biex informazzjoni rilevanti li taffettwa l-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u l-kejl tal-ECL tinġabar u tiġi analizzata.

32. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jadottaw u jaderixxu għal politiki u proċeduri bil-miktub li jagħtu dettalji dwar is-sistemi u l-kontrolli tar-riskju tal-kreditu li jintużaw fil-metodoloġiji tar-riskju tal-kreditu tagħhom, u r-rwoli u r-responsabbiltajiet separati tal-korp maniġerjali u tal-maniġment superjuri tal-istituzzjoni ta' kreditu.

33. B'mod partikolari, metodoloġiji sodi għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u għall-kejl tal-livell ta' provvedimenti (soġġetti għat-tip ta' skopertura, pereżempju tal-ingrossa u tal-imnut) għandhom:

a. jinkludu proċess robust li hu mfassal biex jipprovdi l-istituzzjoni tal-kreditu bil-kapaċità li tidentifika l-livell, in-natura u l-ixprunaturi tar-riskju tal-kreditu mar-rikonoxximent inizjali tal-iskopertura tal-għoti ta' self, biex jiġi żgurat li bidliet sussegwenti fir-riskju tal-kreditu jkunu jistgħu jiġu identifikati u kwantifikati;

b. jinkludu kriterji biex l-impatt tal-informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi fatturi makroekonomiċi, jitqies sew. Jekk il-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu ssirx fuq bażi kollettiva jew individwali, istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun kapaċi turi li din il-kunsiderazzjoni seħħet sabiex ir-rikonoxximent tal-ECL ma jiddewwimx. Dawn il-kriterji għandhom jirriżultaw fl-identifikazzjoni ta' fatturi li jaffettwaw il-ħlas lura, jekk hux relatati mal-inċentivi, mar-rieda jew mal-kapaċità li l-mutwatarju jwettaq fuq l-obbligi kuntrattwali, jew it-termini u l-kundizzjonijiet tal-skopertura tal-għoti ta' self. Il-fatturi ekonomiċi kkunsidrati (bħar-rati tal-qgħad u r-rati tal-okkupanza) għandhom ikunu rilevanti għall-valutazzjoni u, skont iċ-ċirkustanzi, dan jista' jkun fil-livell internazzjonali, nazzjonali, reġjonali jew lokali;

c. fil-każ ta' skoperturi vvalutati kollettivament, jinkludu deskrizzjoni tal-bażi għall-ħolqien ta' gruppi ta' portafolli ta' skoperturi b'karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu maqsuma;

d. jidentifikaw u jiddokumentaw il-metodi tal-valutazzjoni u tal-kejl tal-ECL (bħal metodu tar-rata ta' telf, metodu tal-probabbiltà ta' inadempjenza (PD)/telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD), jew metodu ieħor) li għandhom jiġu applikati għal kull skopertura jew portafoll;

e. jiddokumentaw ir-raġunijiet għaliex il-metodu li ntgħażel huwa xieraq, speċjalment jekk jiġu applikati metodi ta' kejl tal-ECL differenti lil portafolli u tipi differenti ta' skoperturi individwali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu kapaċi jispjegaw lill-awtoritajiet kompetenti r-raġunament għal kwalunkwe bidla fl-approċċ tal-kejl (pereżempju, ċaqliqa minn metodu ta' telf ta' rata għal metodu PD/LGD) u l-impatti kwantitattivi ta' dawn il-bidliet;

f. dokument:

i. l-inputs, id-data u s-suppożizzjonijiet li jintużaw fil-proċess tal-istima tal-provvedimenti, bħar-rati ta' telf storiku, stimi PG/LGD u previżjonijiet ekonomiċi;

ii. kif tiġi ddeterminata l-ħajja ta' skopertura jew portafoll (inkluż kif ġew ikkunsidrati prepagamenti u inadempjenzi mistennija);

iii. il-perjodu ta' żmien li matulu tiġi vvalutata l-esperjenza storika ta' telf;

iv. kwalunkwe aġġustamenti meħtieġa għall-istima tal-ECL skont il-qafas kontabilistiku applikabbli. Pereżempju, jekk il-kundizzjonijiet ekonomiċi attwali u previsti jkunu differenti minn dawk li jeżistu matul il-perjodu storiku ta' stima li qed jintuża,

għandhom isiru aġġustamenti li jkunu direttament konsistenti ma' dawk id-differenzi. Barra minn hekk, jista' jkun li istituzzjoni ta' kreditu esperjenzat ftit jew l-ebda telf reali fil-perjodu storiku analizzat; madankollu, kundizzjonijiet attwali jew li jħarsu 'l quddiem jistgħu jvarjaw mill-kundizzjonijiet matul il-perjodu storiku, u l-impatt ta' dawn il-bidliet fuq l-ECL għandu jiġi vvalutat u imkejjel;

g. jinkludu proċess għall-valutazzjoni tal-adegwatezza ta' inputs u suppożizzjonijiet sinifikanti fil-metodu tal-kejl tal-ECL magħżul. Il-bażi għall-inputs u s-suppożizzjonijiet li jintużaw fil-proċess tal-istima tal-provvedimenti ġeneralment għandha tkun konsistenti minn perjodu għall-ieħor. Fejn l-inputs u s-suppożizzjonijiet jew il-bażi għal dawn jinbidlu, għandu jiġi dokumentat ir-raġunament;

h. jidentifika s-sitwazzjonijiet li ġeneralment iwasslu għal bidliet fil-metodi, fl-inputs jew fis-suppożizzjonijiet tal-kejl tal-ECL minn perjodu għall-ieħor (pereżempju, istituzzjoni ta' kreditu tista' tiddikjara li self li qabel ġie vvalutat fuq bażi kollettiva bl-użu ta' metodu PD/LGD jista' jitneħħa u jiġi vvalutat individwalment bl-użu tal-metodu tal-fluss ta' flus skontat malli tiġi rċevuta informazzjoni ġdida u speċifika għall-mutwatarju bħat-telf tal-impjieg);

i. jikkunsidra l-fatturi interni u esterni rilevanti li jistgħu jaffettwaw l-istimi tal-ECL, bħall-istandards ta' sottoskrizzjoni applikati għal skopertura ta' għoti ta' self fl-oriġini u bidliet fil-fatturi industrijali, ġeografiċi, ekonomiċi u politiċi;

j. jindirizza kif l-istimi tal-ECL jiġu ddeterminati (pereżempju rati ta' telf storiku jew analiżi tal-migrazzjoni bħala punt ta' bidu, aġġustati għal informazzjoni dwar kundizzjonijiet attwali u mistennija). Istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha ħarsa imparzjali fuq l-inċertezza u r-riskji fl-attivitajiet ta' self tagħha meta tagħmel stima tal-ECL;

k. tidentifika liema fatturi jiġu kkunsidrati meta jkunu qed jiġu stabbiliti perjodi storiċi ta' żmien xierqa li matulhom tiġi vvalutata l-esperjenza tat-telf storiku. Istituzzjoni ta' kreditu għandha żżomm biżżejjed data storika tat-telf biex tipprovdi analiżi sinifikanti tal-esperjenza tat-telf ta' kreditu tagħha għall-użu bħala punt ta' bidu meta jiġi stmat il-livell ta' provvedimenti fuq bażi kollettiva jew individwali;

l. tiddetermina sa liema punt il-valur tal-kollateral u ta' mitiganti oħra tar-riskju tal-kreditu jaffettwa l-ECL;

m. tiddeskrivi l-politiki u l-proċeduri tal-istituzzjoni tal-kreditu fuq tħassir u rkupri;

n. teħtieġ li analiżi, stimi, reviżjonijiet u kompiti/proċessi oħra li huma inputs għal jew outputs mill-proċess tal-valutazzjoni u tal-kejl tar-riskju tal-kreditu jsiru minn persunal kompetenti u mħarreġ sew u jiġu vvalidati minn persunal li hu indipendenti mill-attivitajiet ta' self tal-istituzzjoni tal-kreditu. Dawn l-inputs għal u outputs minn dawn il-funzjonijiet għandhom ikunu dokumentati sew, u d-dokumentazzjoni għandha tinkludi spjegazzjonijiet ċari li jappoġġjaw l-analiżi, l-istimi u r-reviżjonijiet;

o. tiddokumenta l-metodi li ntużaw biex jiġu vvalidati mudelli għall-kejl tal-ECL (pereżempju, ittestjar b'lura);

p. tiżgura li l-istimi tal-ECL jinkorporaw b'mod xieraq informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi fatturi makroekonomiċi, li għadha ma ġietx inkluża fil-provvedimenti mitkejla fuq bażi ta' skopertura individwali. Dan jista' jeħtieġ li l-maniġment juża l-ġudizzju tal-kreditu għaqli tiegħu biex jikkunsidra xejriet mifruxa fil-protafoll sħiħ tas-self, bidliet fil-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni tal-kreditu, fatturi makroenkonomiċi, eċċ.; u

q. teħtieġ proċess biex tivvaluta l-adegwatezza ġenerali tal-provvedimenti skont il-qafas kontabilistiku rilevanti, inkluża reviżjoni regolari tal-mudelli tal-ECL.

34. Il-proċess tal-identifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu ta' istituzzjoni ta' kreditu għandu jiżgura li fatturi li jħallu impatt fuq bidliet fir-riskju tal-kreditu u fi stimi tal-ECL jiġu identifikati kif xieraq fuq bażi regolari. Barra minn hekk, il-kunsiderazzjoni tar-riskju tal-kreditu inerenti fi prodotti u f'attivitajiet ġodda għandha tkun parti ewlenija mill-proċess tal-identifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu, tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u tal-kejl tal-ECL.

35. Il-maniġment superjuri għandu jikkunsidra fatti u ċirkostanzi rilevanti, inkluż informazzjoni li tħares 'il quddiem, li aktarx jikkawżaw li l-ECL ivarja minn esperjenza storika u li jistgħu jaffettwaw ir-riskju tal-kreditu u l-kapaċità sħiħa li l-flussi ta' flus jinġabru.

36. Fir-rigward ta' fatturi relatati mal-karattru, mal-kapaċità u mal-kapital tal-mutwatarji, it-termini ta' skoperturi ta' għoti ta' self, u l-valuri ta' assi mirhuna bħala kollateral flimkien ma' mitiganti tar-riskju ta' kreditu oħrajn li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità sħiħa li l-flussi ta' flus jinġabru, istituzzjoni ta' kreditu għandha (skont it-tip ta' skopertura) tikkunsidra:

a. il-politiki u l-proċeduri ta' self tagħha, inklużi l-istandards ta' sottoskrizzjoni u t-termini ta' self tagħha, li kienu fis-seħħ mar-rikonoxximent inizjali tal-iskopertura tal-għoti ta' self tal-mutwatarju, u jekk l-iskopertura tal-għoti ta' self oriġinatx bħala eċċezzjoni għal din il-politika. Politika ta' self ta' istituzzjoni ta' kreditu għandha tinkludi dettalji tal-istandards ta' sottoskrizzjoni tagħha, u linji gwida u proċeduri li jixprunaw il-proċess tal-approvazzjoni ta' self tal-istituzzjoni tal-kreditu;

b. is-sorsi ta' dħul rikorrenti ta' mutwatarju disponibbli biex jissodisfaw il-ħlasijiet skedati;

c. il-kapaċità ta' mutwatarju li jiġġenera fluss ta' fluss ta' flus matul it-terminu tal-istrument finanzjarju;

d. il-livell ta' lieva ġenerali u l-aspettattivi ta' bidliet għal-lieva tal-mutwatarju;

e. l-inċentivi jew ir-rieda tal-mutwatarji li jissodisfaw l-obbligi tagħhom;

f. assi mhux gravati[10] li l-mutwatarju jista' jirhan bħala kollateral fis-suq jew bilateralment biex iżid il-fondi u l-aspettattivi ta' bidliet għall-valur ta' dawk l-assi;

g. events ta' darba u imġiba rikorrenti raġonevolment possibbli li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità tal-mutwatarju biex jissodisfa l-obbligi kuntrattwali; u

h. valutazzjonijiet f'waqthom ta' valur kollaterali u kunsiderazzjoni ta' fatturi li jistgħu jħallu impatt fuq il-valur futur ta' kollateral (filwaqt li jitqies li l-valuri kollaterali jaffettwaw direttament l-istimi tal-LGD).

37. Fejn ikollhom il-potenzjal li jaffettwaw il-kapaċità tal-istituzzjoni tal-kreditu li tirkupra ammonti dovuti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw fatturi relatati mal-mudell tan-negozju u l-kundizzjonijiet makroekonomiċi attwali u previsti tal-istituzzjoni ta' kreditu, inkluż iżda mhux limitati għal:

a. ir-rekwiżiti tal-kompetizzjoni u legali u regolatorji;

b. xejriet fil-volum ġenerali ta' kreditu tal-istituzzjoni;

c. il-profil tar-riskju tal-kreditu ġenerali tal-iskoperturi tal-għoti ta' self tal-istituzzjoni tal-kreditu u aspettattivi ta' bidliet fihom;

d. konċentrazzjonijiet ta' kreditu lil mutwatarji jew skont it-tip ta' prodott, settur jew suq ġeografiku;

e. aspettattivi ta' prattiki ta' ġbir, tħassir u rkupru;

f. il-kwalità tas-sistema tar-reviżjoni tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjoni tal-kreditu u l-grad ta' sorveljanza mill-maniġment superjuri u mill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni tal-kreditu; u

g. fatturi oħra li jistgħu jħallu impatt fuq l-ECL inkluż, iżda mhux limitati, għall-aspettattivi ta' bidliet fir-rati tal-qgħad, prodott domestiku gross, rata ta' mgħax normattiva, inflazzjoni, kundizzjonijiet ta' likwidità, jew teknoloġija.

[10] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/79 tat-18 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' interess ta' garanzija tal-assi, mudell ta' punt uniku tad-dejta u r-regoli dwar il-valutazzjoni.

38. Metodoloġiji sodi tar-riskju tal-kreditu għandhom jikkunsidraw xenarji potenzjali differenti u m'għandhomx jiddependu purament fuq kunsiderazzjonijiet suġġettivi, parzjali jew ottimisti żżejjed. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżviluppaw u jiddokumentaw il-proċessi tagħhom biex jiġġeneraw xenarji differenti li għandhom jintużaw fl-istima tal-ECL. B'mod partikolari:

a. l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom juru u jiddokumentaw kif l-istimi tal-ECL jinbidlu b'bidliet fix-xenarji, inklużi bidliet għal kundizzjonijiet esterni rilevanti li jistgħu jħallu impatt fuq l-istimi tal-ECL jew il-komponenti tal-kalkolu tal-ECL (bħall-parametri PD u LGD);

b. l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom proċess dokumentat biex jiddeterminaw il-firxa ta' żmien tax-xenarji u, jekk rilevanti, kif jiġi stmat l-ECL għal skoperturi li l-ħajja tagħhom taqbeż il-perjodu kopert mill-previżjoni(jiet) ekonomika(ċi) użat(i);

c. ix-xenarji jistgħu jiġu żviluppati internament jew esternalizzati. Fil-każ ta' xenarji żviluppati internament, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom varjetà ta' esperti, bħal esperti tar-riskju, ekonomisti, maniġers tan-negozji u maniġment superjuri, li jgħinu fl-għażla tax-xenarji li huma rilevanti għall-profil tal-iskopertura tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Fil-każ ta' xenarji esternalizzati, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżguraw li l-fornitur estern jadatta x-xenarji biex jirrifletti l-profil tal-iskopertura tar-riskju tal-kreditu u tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu, għaliex l-istituzzjonijiet ta' kreditu jibqgħu responsabbli għal dawk ix-xenarji;

d. għandu jsir l-ittestjar b'lura biex jiġi żgurat li l-aktar fatturi ekonomiċi rilevanti li jaffettwaw il-kapaċità li jinġabar u r-riskju tal-kreditu qed jiġu kkunsidrati u inkorporati fl-istimi tal-ECL; u

e. fejn ikunu disponibbli indikaturi tas-suq (bħal firxiet ta' swaps ta' inadempjenza ta' kreditu ("CDS")), il-maniġment superjuri jista' jikkunsidrahom bħala punt ta' riferiment validu li miegħu tiġi ċċekkjata l-konsistenza tal-ġudizzju tiegħu stess.

39. Filwaqt li istituzzjoni ta' kreditu m'għandhiex bżonn tidentifika jew timmudella kull xenarju possibbli permezz ta' simulazzjonijiet tax-xenarji, meta tkun qed tiżviluppa stimi tal-ECL hi għandha tikkunsidra l-informazzjoni kollha raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta li hi rilevanti għall-prodott, għall-mutwatarju, għall-mudell tan-negozju jew għall-ambjent ekonomiku u regolatorju. Fl-iżvilupp ta' dawn l-istimi għal skopijiet ta' rappurtar finanzjarju, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw l-esperjenza u l-lezzjonijiet minn eżerċizzji simili li wettqet għal skopijiet regolatorji (madankollu xenarji ta' kriżi m'għandhomx l-għan li jintużaw direttament għal skopijiet kontabilistiċi). Informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi previżjonijiet ekonomiċi u fatturi tar-riskju tal-kreditu relatati użati għall-istimi tal-ECL, għandha tkun konsistenti ma' inputs għal stimi rilevanti oħra fi ħdan id-dikjarazzjonijiet finanzjarji, il-baġits, il-pjanijiet strateġiċi u kapitali, u informazzjoni oħra użata fil-ġestjoni u r-rappurtar fi ħdan istituzzjoni ta' kreditu.

40. Il-maniġment superjuri għandu jkun kapaċi juri li jifhem u jikkunsidra b'mod xieraq ir-riskji inerenti fl-ipprezzar ta' skoperturi ta' għoti ta' self. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-mudelli ta' fatti li ġejjin, li potenzjalment jindikaw stimi inadegwati tal-ECL;

a. l-għoti ta' kreditu lil mutwatarji skont flussi ta' dħul fraġli (li jistgħu jsiru mhux rikorrenti malli jkun hemm tnaqqis) jew b'ebda dokumentazzjoni jew b'verifika limitata tas-sorsi ta' dħul tal-mutwatarju;

b. rekwiżiti tas-servizz ta' dejn għoli relattivi mal-flussi ta' flus mistennija disponibbli netti tal-mutwatarju;

c. skedi flessibbli ta' ħlas lura, inkuż ħlas ta' vaganzi, ħlas tal-imgħax biss u karatteristiċi negattivi tal-amortizzament;

d. għal proprjetà immobbli u finanzjament ieħor ibbażat fuq l-assi, self ta' ammonti daqs jew li jaqbżu l-valur tal-proprjetà ffinanzjati jew inkella li jonqsu li jipprovdu marġini adegwat ta' protezzjoni kollaterali;

e. żidiet żejda fil-modifikazzjonijiet tal-iskoperturi tal-għoti ta' self minħabba diffikultajiet finanzjarji affaċċjati mill-mutwatarju[11] jew negozjar mill-ġdid/modifikazzjonijiet tal-iskoperturi tal-għoti ta' self għal raġunijiet oħra (bħal pressjonijiet kompetittivi affaċċjati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu);

f. ċirkomvenzjoni tar-rekwiżiti tal-klassifikazzjoni u tal-gradazzjoni, inkluż l-iskedar mill-ġdid, il-finanzjament mill-ġdid jew il-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-iskoperturi tal-għoti ta' self;

g. żidiet żejda fil-volum ta' kreditu, speċjalment fir-rigward maż-żieda fil-volum ta' kreditu minn mutwanti oħrajn fl-istess suq; u

h. żieda fil-volum u fis-severità ta' kreditu skadut, ta' kwalità baxxa u indebolit.

[11] Ara wkoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/227 tad-9 ta' Jannar 2015 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 41, 20.2.2015, p. 1) li jistabbilixxi definizzjonijiet speċifiċi ta' skoperturi mrażżna u improduttivi.

41. Il-politiki kontabilistiċi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jindirizzaw, u l-metodoloġija tal-provvedimenti tagħhhom għandha tinkludi, kriterji għal (a) negozjar mill-ġdid/modifikazzjonijiet tal-iskoperturi tal-għoti ta' self minħabba diffikultajiet finanzjarji jew minħabba raġunijiet oħra, filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll id-definizzjonijiet speċifiċi ta' tolleranza stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014 u (b) it-trattament ta' skoperturi ta' self indeboliti bil-kreditu mixtrija jew oriġinati kif definit taħt il-qafas kontabilistiku applikabbli:

a. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin fir-rigward ta' negozjar mill-ġdid/modifikazzjonijiet tal-iskoperturi tal-għoti ta' self:

   i. Il-metodoloġija tal-provvedimenti għandha tippermetti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jwettqu valutazzjoni robusta tar-riskju tal-krediti u tal-kejl tal-ECL biex il-livell ta' provvedimenti jkompli jirrifletti l-kapaċità li s-sustanza tal-iskopertura negozjata mill-ġdid/modifikata tinġabar, irrispettivament minn jekk l-ass oriġinali ġiex irtirat jew le skont il-qafas kontabilistiku applikabbli.

   ii. In-negozjar mill-ġdid/modifikazzjonijiet m'għandhomx iwasslu awtomatikament għall-konklużjoni li kien hemm tnaqqis immedjat fir-riskju tal-kreditu tal-iskopertura. Kull tnaqqis fil-livell ta' provvedimenti rrappurtat minħabba riskju ta' kreditu mtejjeb għandu jiġi sostnut minn evidenza qawwija. Il-klijenti għandhom juru b'mod konsistenti prestazzjoni tal-ħlas sodisfaċenti fuq perjodu raġjonevoli ta' żmien qabel ir-riskju tal-kreditu jitqies li jkun naqas, filwaqt li jitqiesu wkoll ir-rekwiżiti rilevanti għal skoperturi fil-perjodu ta' prova kif definit fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.

   iii. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw b'attenzjoni jekk il-ġbir tas-self prinċipali jiġix żgurat b'mod raġjonevoli meta l-prestazzjoni tal-ħlas lura tieħu l-forma ta' pagamenti tal-imgħax waħedhom, sussegwenti għal negozjar mill-ġdid jew modifikazzjoni. Barra minn hekk, dewmien uletrjuri mistenni fil-ħlas ta' dawk il-flussi ta' flus jista' jkun xhieda li r-riskju tal-kreditu ma tjiebx, u għalhekk il-livell tal-ECL għandu jiġi vvalutat mill-ġdid b'attenzjoni.

   iv. Il-metodoloġiji għandhom ukoll jitolbu lill-persunal tas-self li jinnotifikaw minnufih lill-funzjoni kontabilistika tal-istituzzjoni meta l-iskoperturi jiġu negozjati mill-ġdid jew modifikati biex tiġi żgurata kontabbiltà xierqa għall-bidla. Għal negozjar mill-ġdid u modifikazzjonijiet aktar kumplessi, għandha sseħħ komunikazzjoni regolari bejn il-persunal tas-self u l-funzjoni kontabilistika.

b. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin fir-rigward ta' skoperturi ta' għoti ta' self indeboliti bil-kreditu mixtrija jew oriġinati:

   i. Il-metodoloġija għandha tippermetti identifikazzjoni u kontabbiltà xierqa għal self indebolit bil-kreditu mixtri jew oriġinat.

ii. L-istimi tal-fluss ta’ flus għal dawn l-iskoperturi tal-għoti ta’ self għandhom jiġu vvalutati kull perjodu ta’ rappurtar u aġġornati kif ikun meħtieġ. Dawn l-aġġornamenti għandhom jiġu sostnuti u dokumentati kif suppost, u approvati mill-maniġment superjuri.

### 4.2.3 Prinċipju 3 — Proċess u aggruppament tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu

Istituzzjoni ta’ kreditu għandu jkollha proċess tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu fis-seħħ biex b’mod proporzjonali taggruppa l-iskoperturi tal-għoti ta’ self fuq il-bażi ta’ karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu maqsuma.

#### Proċess tal-klassifikazzjoni tar-riskju ta’ kreditu

42. Bħala parti mill-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-kreditu għandu jkollhom proċeduri u sistemi ta’ informazzjoni komprensivi fis-seħħ biex jimmonitorjaw il-kwalità tal-iskoperturi ta’ għoti ta’ self tagħhom. Dawn jinkludu proċess tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu effettiv li jaqbad il-livell, in-natura u l-ixprunaturi differenti tar-riskju tal-kreditu li jistgħu jidhru maż-żmien, sabiex jiġi raġonevolment żgurat li l-iskoperturi ta’ għoti ta’ self kollha jiġu mmonitorjati b’mod xieraq u li l-provvedimenti tal-ECL jitkejlu kif suppost.

43. Il-proċess tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu għandu jinkludi funzjoni ta’ reviżjoni indipendenti. Il-valutazzjoni inizjali tal-gradi tar-riskju tal-kreditu għall-iskoperturi u l-aġġornament kontinwu tagħhom minn persunal tas-self li qiegħed fuq quddiem għandu jkun soġġett għar-reviżjoni tal-funzjoni tar-reviżjoni indipendenti.

44. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom iqisu numru ta’ kriterji meta jassenjaw il-grad tar-riskju tal-kreditu mar-rikonoxximent inizjali ta’ skopertura ta’ għoti ta’ self inklużi, sal-punt rilevanti, it-tip tal-prodott, it-termini u l-kundizzjonijiet, it-tip u l-ammont ta’ kollateral, il-karatteristiċi u l-ġeografija tal-mutwatarju jew taħlita tagħhom.

45. Meta jibdlu gradi tar-riskju tal-kreditu eżistenti assenjati, jew fuq portafoll jew fuq bażi individwali, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom iqisu fatturi rilevanti oħra bħal, iżda mhux limitati, għal bidliet fil-prospettiva tal-industrija, rati ta’ tkabbir tan-negozju, sentiment tal-konsumatur u bidliet fil-previżjonijiet ekonomiċi (bħal rati ta’ interess, rati ta’ qgħad u prezzijiet tal-prodotti bażiċi) kif ukoll nuqqasijiet fis-sottoskrizzjoni identifikati wara r-rikonoxximent inizjali.

46. Is-sistema tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu għandha taqbad l-iskoperturi tal-għoti ta’ self kollha meta tivvaluta l-impatt tal-bidliet fir-riskju tal-kreditu, u mhux biss dawk li setgħu esperjenzaw żidiet sinifikattivi fir-riskju tal-kreditu, ġarrbu telf jew inkella huma indeboliti bil-kreditu. Din issir biex tiġi permessa differenzjazzjoni xierqa tar-riskju tal-kreditu u tal-aggruppament tal-iskoperturi tal-għoti ta’ self fi ħdan is-sistema tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu, u biex tirrifletti r-riskju tal-iskoperturi individwali, kif ukoll il-livell tar-riskju tal-

kreditu fil-portafoll kollu kemm hu, meta jiġi aggregat fl-iskoperturi kollha. F'dan il-kuntest, sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu għandha tippermetti lill-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jidentifikaw kemm il-migrazzjoni tar-riskju tal-kreditu kif ukoll bidliet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu.

47. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddeskrivu l-elementi tas-sistema tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu tagħhom, filwaqt li jiddefinixxu kull grad tar-riskju tal-kreditu u jindikaw il-persunal responsabbli għat-tfassil, l-implimentazzjoni, it-tħaddim u l-prestazzjoni tas-sistema kif ukoll dawk responsabbli għall-ittestjar u l-validazzjoni perjodiċi (jiġifieri l-funzjoni tar-reviżjoni indipendenti).

48. Il-gradi tar-riskju tal-kreditu għandhom jiġu riveduti kull meta tiġi rċevuta informazzjoni rilevanti ġdida jew meta l-aspettattiva tar-riskju tal-kreditu ta' istituzzjoni ta' kreditu tkun inbidlet. Il-gradi assenjati tar-riskju tal-kreditu għandhom jirċievu reviżjoni formali perjodika (pereżempju mill-inqas annwalment, jew aktar frekwenti jekk meħtieġ f'ġurisdizzjoni) sabiex jiġi raġonevolment żgurat li dawk il-gradi jkunu preċiżi u aġġornati. Il-gradi tar-riskju tal-kreditu għal skoperturi ta' għoti ta' self ivvalutati individwalment li huma ta' riskju ogħla jew indeboliti bil-kreditu għandhom jiġu riveduti b'mod aktar frekwenti milli annwalment. L-istimi tal-ECL għandhom jiġu aġġornati fuq bażi f'waqtha biex jirriflettu bidliet fil-gradi tar-riskju tal-kreditu għaż-żewġ gruppi ta' skoperturi jew skoperturi individwali.

## Raggruppament ibbażat fuq karatterisitiċi tar-riskju tal-kreditu maqsuma

49. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jaggruppaw skoperturi b'karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu maqsuma b'mod li hu biżżejjed granulari biex ikunu jistgħu jivvalutaw bidliet fir-riskju tal-kreditu b'mod raġjonevoli u b'hekk iħallu impatt fuq l-istima tal-ECL għal dawn il-gruppi.

50. Il-metodoloġija ta' istituzzjoni ta' kreditu għall-aggruppar ta' skoperturi biex jiġi vvalutat ir-riskju tal-kreditu (pereżempju skont it-tip ta' strument, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-prodott, is-settur tal-industrija/tas-suq, il-lokalità ġeografika jew dati tal-ħruġ) għandha tkun dokumentata u soġġetta għal reviżjoni xierqa u approvazzjoni interna mill-maniġment superjuri.

51. Skoperturi ta' għoti ta' self għandhom jiġu ggruppati skont il-karatterisitiċi tar-riskju tal-kreditu maqsuma sabiex il-bidliet fil-livell tar-riskju tal-kreditu jirrispondu għall-impatt tal-kundizzjonijiet li qed jinbidlu fuq firxa komuni ta' xprunaturi tar-riskju tal-kreditu. Dan jinkludi l-kunsiderazzjoni tal-effett fuq ir-riskju tal-kreditu tal-grupp b'risposta għal bidliet fl-informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi fatturi makroekonomiċi. Il-bażi tal-aggruppament għandha tkun riveduta mill-maniġment superjuri biex jiġi żgurat li l-iskoperturi fi ħdan il-grupp jibqgħu omoġenji f'termini tar-risposta tagħhom għall-ixprunaturi tar-riskju tal-kreditu u li l-karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu rilevanti u l-impatt tagħhom fuq il-livell tar-riskju tal-kreditu għall-grupp ma nbidlux maż-żmien.

52. L-iskoperturi m'għandhomx jiġu raggruppati b'tali mod li żieda fir-riskju tal-kreditu ta' skoperturi partikolari titgħatta mill-prestazzjoni tal-grupp kollu kemm hu.

53. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom proċess robust fis-seħħ biex jiġi żgurat raggruppament inizjali xieraq tal-iskoperturi tal-għoti ta' self tagħhom. Susseggwentement, l-aggruppament tal-iskoperturi għandu jiġi vvalutat mill-ġdid u l-iskoperturi għandhom jitqassmu mill-ġdid jekk tiġi rċevuta informazzjoni rilevanti ġdida jew jekk l-aspettattivi mibdula tar-riskju tal-kreditu ta' istituzzjoni ta' kreditu jissuġġerixxu li aġġustament permanenti hu ġġustifikat. Jekk istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx kapaċi tqassam mill-ġdid l-iskoperturi fuq bażi f'waqtha, għandu jintuża aġġustament temporanju.

### Użu ta' aġġustamenti temporanji

54. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw aġġustamenti temporanji għal provvediment bħala soluzzjoni interim biss, b'mod partikolari f'ċirkostanzi tranżitorji jew meta ma jkunx hemm biżżejjed żmien biex informazzjoni rilevanti ġdida tiġi inkorportata b'mod xieraq fil-proċess tal-klassifikazzjoni u tal-mudellar tar-riskju tal-kreditu eżistenti, jew biex gruppi eżistenti ta' skoperturi ta' għoti ta' self jitqassmu mill-ġdid, jew meta skoperturi ta' self fi ħdan grupp ta' skoperturi ta' self jirreaġixxu għal fatturi jew events b'mod differenti minn dak mistenni fil-bidu.

55. Dawn l-aġġustamenti m'għandhomx jintużaw kontinwament fuq perjodu twil ta' żmien għal fattur ta' riskju mhux tranżitorju. Jekk ir-raġuni għall-aġġustament mhix mistennija li tkun temporanja, bħall-emerġenza ta' xprunatur ġdid tar-riskju li ma ġiex inkorporat qabel fil-metodoloġija tal-provvedimenti tal-istitituzzjoni, il-metodoloġija għandha tiġi aġġornata fi żmien qasir biex tinkorpora l-fattur li mistenni jkollu impatt kontinwu fuq il-kejl tal-ECL.

56. L-użu ta' aġġustamenti temporanji jeħtieġ l-applikazzjoni ta' ġudizzju sinifikanti u joħloq il-potenzjal għall-parzjalità. Sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' potenzjal għall-parzjalità, l-aġġustamenti temporanji għandhom ikunu direzzjonalment konsistenti ma' previżjonijiet li jħarsu 'l quddiem, sostnuti b'dokumentazzjoni xierqa, u soġġetti għal proċessi ta' governanza xierqa.

#### 4.2.4 Prinċipju 4 — Adegwatezza tal-provvediment

L-ammont aggregat ta' provvedimenti ta' istituzzjoni ta' kreditu, irrispettivament minn jekk il-provvedimenti humiex iddeterminati fuq bażi kollettiva jew individwali, għandu jkun adegwat u konsistenti mal-għanijiet tal-qafas kontabilistiku applikabbli.

57. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jimplementaw metodoloġiji tar-riskju tal-kreditu sodi mal-għan li l-bilanċ ġenerali tal-provvediment għall-ECL jiġi żviluppat skont il-qafas kontabilistiku applikabbli u jirrifletti b'mod adegwat l-ECL fi ħdan dak il-qafas.

58. Meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-provvedimenti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iqisu fatturi u aspettattivi rilevanti fid-data tar-rappurtar li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità li l-flussi ta'

flus li jifdal jinġabru matul il-ħajja ta' grupp ta' skoperturi ta' għoti ta' self jew skopertura ta' għoti ta' self waħda. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw informazzjoni li tmur lil hinn mid-data storika jew attwali, u għandhom iqisu informazzjoni li tħares 'il quddiem raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta, inkużi fatturi makroekonomiċi, li huma rilevanti għall-iskopertura(i) li qed tiġi(jiġu) vvalutata(i) (pereżempju bejgħ bl-imnut jew bl-ingrossa) skont il-qafas kontabilistiku applikabbli.

59. Skont il-kapaċità li jinkorporaw informazzjoni li tħares 'il quddiem fl-istima tal-ECL, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jużaw approċċi ta' valutazzjoni individwali jew kollettivi, irrispettivalment mill-approċċ tal-valutazzjoni użat, għandhom ikunu konsistenti mar-rekwiżiti kontabilistiċi rilevanti u m'għandhomx jirriżultaw f'kejl tal-provvedimenti materjalment differenti. Flimkien, il-valutazzjonijiet individwali u kollettivi jiffurmaw il-bażi għall-provvedimenti għall-ECL.

60. L-approċċ tal-valutazzjoni tal-ECL użat għandu jkun l-aktar xieraq fiċ-ċirkostanzi partikolari, u tipikalment għandu jkun allinjat ma' kif l-istituzzjoni ta' kreditu timmaniġġja l-iskopertura tal-għoti ta' self. Pereżempju, ħafna drabi l-valutazzjoni kollettiva tintuża għal gruppi kbar ta' skoperturi ta' għoti ta' self omoġenji b'karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu maqsuma, bħal protafolli tal-bejgħ bl-imnut. Il-valutazzjonijiet individwali ħafna drabi jsiru għal skoperturi sinifikanti, jew fejn ġie identifikat tħassib tal-kreditu fil-livell ta' self individwali, bħal lista ta' sorveljanza u self skadut.

61. Irrispettivament mill-approċċ tal-valutazzjoni li tuża (individwali jew kollettiv), istituzzjoni ta' kreditu għandha tiżgura li dan ma jaffettwax ir-riżultat f'rikonoxximent imdewwmen tal-ECL.

62. Meta l-istituzzjonijiet ta' kreditu jużaw valutazzjonijiet individwali, l-istima tal-ECL dejjem għandha tinkorporra l-impatt mistenni tal-informazzjoni li tħares 'il quddiem raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta kollha, inklużi fatturi makroekonomiċi, li jaffettwa l-kapaċità li tinġabar u r-riskju tal-kreditu. Meta japplikaw approċċ tal-valutazzjoni individwali, fl-istess manjiera bħal fil-każ tal-valutazzjoni kollettiva, id-dokumentazzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu għandha turi b'mod ċar kif l-informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi fatturi makroekonomiċi, ġiet riflessa fil-valutazzjoni individwali.

63. F'każijiet meta l-valutazzjonijiet individwali ta' skoperturi ta' istituzzjoni ta' kreditu ma jikkunsidrawx kif xieraq informazzjoni li tħares 'il quddiem, u sabiex tippermetti l-identifikazzjoni ta' relazzjonijiet bejn informazzjoni li tħares 'il quddiem u stimi tal-ECL li jistgħu ma ja jidhrux fil-livell individwali, istituzzjoni għandha taggruppa skoperturi ta' għoti ta' self b'karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu maqsuma biex tagħti stima tal-impatt tal-informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi fatturi makroekonomiċi. Min-naħa l-oħra, fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jiddeterminaw li l-informazzjoni kollha li tħares 'il quddiem raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta ġiet inkorporata fil-valutazzjoni individwali tal-ECL, m'għandhiex għalfejn issir valutazzjoni addizzjonali li tħares 'il quddiem fuq bażi kollettiva jekk tista' tirriżulta f'għadd doppju.

### 4.2.5 Prinċipju 5 — Validazzjoni tal-mudell tal-ECL

Istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha fis-seħħ politiki u proċeduri biex tivvalida kif xieraq mudelli li jintużaw biex ikejlu l-ECL.

64. Fil-proċess tal-valutazzjoni u tal-kejl tal-ECL l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jużaw mudelli u stimi bbażati fuq is-suppożizzjonijiet għall-identifikazzjoni u l-kejl tar-riskji, kemm fil-livell tal-iskopertura ta' għoti ta' self individwali kif ukoll fil-livell ġenerali tal-portafoll, inkluż il-klassifikazzjoni tal-kreditu, l-identifikazzjoni tar-riskji tal-kreditu, il-kejl tal-provvedimenti tal-ECL għal skopijiet kontabilistiċi, is-simulazzjoni ta' kriżi u l-allokazzjoni tal-kapital. Mudelli li jintużaw fil-proċess tal-valutazzjoni u tal-kejl tal-ECL għandhom jikkunsidraw l-impatt tal-bidliet lil varjabbli relatati mal-mutwatarju u mar-riskju tal-kreditu bħal bidliet f'PDs, LGDs, ammonti ta' skoperturi, valuri kollaterali, migrazzjoni ta' probabbiltajiet ta' inadempjenza u gradi tar-riskju tal-kreditu interni tal-mutwatarji bbażati fuq informazzjoni li tħares 'il quddiem storika, attwali u raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta, inklużi fatturi makroekonomiċi.

65. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom politiki u proċeduri robusti fis-seħħ biex jivvalidaw kif xieraq il-preċiżjoni u l-konsistenza tal-mudelli użati biex jiġi vvalutat ir-riskju tal-kreditu u biex jitkejjel l-ECL, inklużi s-sistemi u l-proċessi tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu bbażati fuq il-mudell u l-istima tal-komponenti tar-riskju rilevanti kollha, malli jibda l-użu tal-mudell u fuq bażi kontinwa. Dawn il-politiki u l-proċeduri għandhom jinkludu kif xieraq ir-rwol tal-ġudizzju professjonali.

66. Il-validazzjoni tal-mudell għandha ssir meta l-mudelli tal-ICL jiġu żviluppati inizjalment u meta jsiru bidliet sinifikanti lill-mudelli, u għandha tiżgura li l-mudelli jkunu xierqa għall-użu propost tagħhom fuq bażi kontinwa.

67. Qafas tal-validazzjoni tal-mudell sod għandu jinkludi, iżda ma jkunx limitat, għall-elementi li ġejjin:

a. Rwoli u responsabbiltajiet ċari għall-validazzjoni tal-mudell b'indipendenza u b'kompetenza adegwati. Il-validazzjoni tal-mudell għandha ssir indipendentement mill-proċess ta' żvilupp tal-mudell u minn persunal bl-esperjenza u bl-għarfien espert meħtieġ. Is-sejbiet u r-riżultati tal-validazzjoni tal-mudell għandhom jiġu rrappurtati fil-pront u f'manjiera f'waqtha lil-livell ta' awtorità xieraq. Fejn istituzzjoni ta' kreditu tkun esternalizzat il-funzjoni tal-validazzjoni tagħha lil parti esterna, l-istituzzjoni ta' kreditu tibqa' responsabbli għall-effettività tax-xogħol tal-validazzjoni tal-mudell kollu u għandha tiżgura li x-xogħol li jsir mill-parti esterna jissodisfa l-elementi ta' qafas tal-validazzjoni tal-mudell sod fuq bażi kontinwa.

b. Kamp ta' applikazzjoni u metodoloġija tal-validazzjoni tal-mudell xierqa għandhom jinkludu proċess sistematiku biex tiġi vvalutata r-robustezza, il-konsistenza u l-preċiżjoni tal-mudell, kif ukoll ir-rilevanza kontinwa tiegħu għall-iskopertura tal-għoti ta' self jew portafoll individwali sottostanti. Proċess tal-validazzjoni tal-mudell effettiv għandu wkoll jippermetti limitazzjonijiet potenzjali ta' mudell li għandu jiġi identifikat u indirizzat fuq bażi f'waqtha. Il-

kamp ta' applikazzjoni għall-validazzjoni għandu jinkludi reviżjoni tal-inputs tal-mudell, tfassil tal-mudell u outputs/prestazzjoni tal-mudell.

- *Inputs tal-mudell:* L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom standards ta' kwalità u ta' affidabbiltà stabbiliti internament fuq id-data (informazzjoni storika, attwali u li tħares 'il quddiem) użata bħala inputs tal-mudell. Id-data li tintuża biex jiġu stmati l-provvedimenti tal-ECL għandha tkun rilevanti għall-portafolli tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u, sa fejn ikun possibbli, preċiża, affidabbli u kompleta (jiġifieri mingħajr esklużjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw stimi tal-ECL).Il-validazzjoni għandha tiżgura li d-data li tintuża tissodisfa dawn l-istandards.

- *Tfassil tal-mudell:* Għat-tfassil tal-mudell, il-validazzjoni għandha tivvaluta li t-teorija sottostanti tal-mudell tkun kunċettwalment soda, rikonoxxuta u ġeneralment aċċettata għall-iskop intenzjonat tagħha.Minn perspettiva li tħares 'il quddiem, il-validazzjoni għandha wkoll tivvaluta l-punt sa fejn il-mudell, fil-livell tal-mudell ġenerali u tal-fattur tar-riskju individwali, tista' tikkunsidra bidliet fl-ambjent ekonomiku jew tal-kreditu, kif ukoll bidliet għall-profil jew għall-istrateġija tal-negozju tal-portafoll, mingħajr ma tnaqqas b'mod sinifikanti r-robusutezza tal-mudell.

- *Output/prestazzjoni tal-mudell:* L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom standards stabbiliti internament għal prestazzjoni aċċettabbli tal-mudell.Fejn il-limiti tal-prestazzjoni jinkisru b'mod sinifikanti, għandhom jittieħdu azzjonijiet korrettivi sal-punt tal-kalibrar mill-ġdid jew tal-iżvilupp mill-ġdid tal-mudell.

c. Dokumentazzjoni komprensiva tal-qafas u l-proċess tal-validazzjoni tal-mudell. Din għandha tinkludi dokumentazzjoni tal-proċeduri tal-validazzjoni li saru, kwalunkwe tibdil fil-metodoloġija u fl-għodod tal-validazzjoni, il-firxa tad-data użata, riżultati tal-validazzjoni u kwalunkwe azzjonijiet korrettivi li ttieħdu fejn kien meħtieġ. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżguraw li d-dokumentazzjoni tiġi riveduta u aġġornata regolarment.

d. Reviżjoni tal-proċess tal-validazzjoni tal-mudell minn partijiet indipendenti (eż. partijiet interni jew esterni) biex tiġi vvalidata l-effettività ġenerali tal-proċess tal-validazzjoni tal-mudell u l-indipendenza tal-proċess tal-validazzjoni tal-mudell mill-proċess tal-iżvilupp. Is-sejbiet tar-reviżjoni għandhom jiġu rrappurtat fil-pront u f'manjiera f'waqtha lil-livell ta' awtorità xieraq (eż. maniġment superjuri, kumitat ta' verifika).

### 4.2.6 Prinċipju 6 — Ġudizzju tal-kreditu esperjenzat

L-użu tal-ġudizzju tal-kreditu għaqli ta' istituzzjoni ta' kreditu, speċjalment fil-kunsiderazzjoni ta' informazzjoni li tħares 'il quddiem raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta, inklużi fatturi makroekonomiċi, hu essenzjali għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u tal-kejl tal-ECL.

68. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom l-għodda meħtieġa biex jiżguraw stima robusta u rikonoxximent f'waqtu tal-ECL. Peress li l-informazzjoni dwar l-esperjenza storika ta' telf jew l-

impatt tal-kundizzjonijiet attwali tista' ma tirriflettix bis-sħiħ ir-riskju tal-kreditu fi skoperturi ta' għoti ta' self, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-ġudizzju tal-kreditu għaqli tagħhom biex jinkorporaw bir-reqqa l-impatt mistenni tal-informazzjoni kollha li tħares 'il quddiem raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta, inklużi fatturi makroekonomiċi, fuq l-istima tagħhom tal-ECL. L-użu tal-ġudizzju tal-kreditu għaqli ta' istituzzjoni ta' kreditu għandu jiġi dokumentat fil-metodoloġija tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjoni ta' kreditu u soġġett għal soveljanza xierqa.

69. Informazzjoni storika tipprovdi bażi utli għall-identifikazzjoni ta' xejriet u korrelazzjonijiet meħtieġa biex jiġu identifikati l-ixprunaturi tar-riskju tal-kreditu għall-iskoperturi tal-għoti ta' self. Madankollu, l-istimi tal-ECL m'għandhomx jinjoraw l-impatt ta' events u kundizzjonijiet (li jħarsu 'l quddiem) fuq dawk l-ixprunaturi. L-istima għandha tirrifletti nuqqasijiet futuri ta' flus kontanti mistennija li jirriżultaw minn dan l-impatt.

70. Il-kunsiderazzjoni ta' informazzjoni li tħares 'il quddiem m'għandhiex tiġi evitata fuq il-bażi li istituzzjoni ta' kreditu tikkunsidra l-ispiża li tinkorpora din l-informazzjoni li tħares 'il quddiem bħala għolja ħafna jew mhux meħtieġa jew minħabba li hemm nuqqas ta' ċertezza fil-formulazzjoni ta' xenarji li jħarsu 'l quddiem, sakemm l-ispiża u l-piż operazzjonali addizzjonali li għandhom jiġu introdotti ma jikkontribwixxux għal implimentazzjoni ta' kwalità għolja ta' qafas kontabilistiku tal-ECL.

71. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu kapaċi juru li l-informazzjoni li tħares 'il quddiem inkluża fil-proċess tal-istima tal-ECL ikollha rabta mal-ixprunaturi tar-riskju tal-kreditu għal skoperturi jew portafolli partikolari. Peress li tista' tkun diffiċli li tintwera rabta qawwija f'termini statistiċi formali bejn ċerti tipi ta' informazzjoni, jew anki s-sett tal-informazzjoni kollu kemm hu, u bejn l-ixprunaturi tar-riskju tal-kreditu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-ġudizzju tal-kreditu għaqli tagħhom biex jistabbilixxu livell xieraq għall-provvediment individwali jew kollettiv. Meta fattur li jħares 'il quddiem li ġie identifikat bħala rilevanti ma jiġix inkorporat fil-valutazzjoni individwali jew kollettiva, jistgħu jkunu meħtieġa aġġustamenti temporanji.

72. Għandhom jiġu applikati previżjonijiet makroekonomiċi u informazzjoni rilevanti oħra b'mod konsistenti fil-portafolli fejn l-ixprunaturi tar-riskju tal-kreditu tal-portafolli jkunu affettwati minn dawn il-previżjonijiet/is-suppożizzjonijiet bl-istess mod. Barra minn hekk, meta jkunu qed jiżviluppaw stimi tal-ECL, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom japplikaw il-ġudizzju tal-kreditu għaqli tagħhom biex jikkunsidraw il-punt tagħhom fiċ-ċiklu tal-kreditu, li jista' jvarja fil-ġurisdizzjonijiet li fihom ikollhom skoperturi ta' għoti ta' self.

73. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom joqogħdu attenti meta jiddeterminaw il-livell ta' provvedimenti tal-ECL li għandhom jiġu rikonoxxuti għal skopijiet kontabilistiċi, biex jiġi żgurat li l-istimi li jirriżultaw ikunu xierqa (jiġifieri konsistenti man-netwralità u la ddikjarati inqas u la ddikjarati iktar).

74. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħmlu użu minn firxa wiesgħa ta' informazzjoni derivata fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu, inkluża dik ta' natura li tħares 'il quddiem għal skopijiet tal-ġestjoni tar-riskju u tal-adegwament tal-kapital, fl-iżvilupp tal-istima tagħhom tal-ECL.

### 4.2.7 Prinċipju 7 — Proċessi, sistemi, għodod u data komuni

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom proċess sod tal-valutazzjoni u l-kejl tar-riskju tal-kreditu li jipprovdihom b'bażi b'saħħitha għal proċessi, sistemi, għodod u data komuni biex jivvalutaw ir-riskju tal-kreditu u jkopru għal telf ta' kreditu mistenni.

75. Sa fejn hu possibbli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw proċessi, sistemi, għodod u data komuni biex jivvalutaw ir-riskju tal-kreditu, ikejlu l-ECL għal skopijiet kontabilistiċi u jiddeterminaw telf mistenni għal skopijiet ta' adegwatezza tal-kapital sabiex isaħħu l-affidabbiltà u l-konsistenza tal-istimi tal-ECL li jirriżultaw, iżidu t-trasparenza u, permezz ta' dixxiplina fis-suq, jipprovdu inċentivi li jsegwu prattiki sodi tar-riskju tal-kreditu.

76. Il-prattiki tar-riskju tal-kreditu għandhom jiġu riveduti perjodikament biex jiġi żgurat li tinqabad data rilevanti disponibbli fl-organizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu u li s-sistema jiġu aġġornati hekk kif il-prattiki tas-sottoskrizzjoni jew tan-negozju tal-istituzzjoni ta' kreditu jinbidlu jew jevolvu maż-żmien. Għandu jiġi stabbilit ċirku vizzjuż biex jiġi żgurat li informazzjoni dwar l-istimi tal-ECL, bidliet fir-riskju tal-kreditu u telf reali esperjenzati fuq l-iskoperturi ta' għoti ta' self tinqasam fost esperti tar-riskju tal-kreditu, persunal tar-rappurtar kontabilistiku u regolatorju, u b'mod partikolari mal-persunal tas-sottoskrizzjoni ta' self.

77. Il-proċessi, sistemi, għodod u data komuni msemmija hawn fuq jistgħu jinkudu sistemi tal-klassifikazzjoni tar-riskju, PDs stmati (soġġetti għal aġġustamenti xierqa), status skadut, proporzjonijiet bejn is-self u l-valur, rati ta' telf storiku, tip ta' prodott, skeda ta' amortizzament, rekwiżiti ta' depożitu, settur tas-suq, pożizzjoni ġeografika, data tal-ħruġ (jiġifieri d-data tal-oriġini) u tip ta' kollateral.

### 4.2.8 Prinċipju 8 — Divulgazzjoni

Id-divulgazzjonijiet pubbliċi ta' istituzzjoni ta' kreditu għandhom jippromwovu t-trasparenza u l-komparabbiltà billi jipprovdu informazzjoni f'waqtha, rilevanti u utli għad-deċiżjonijiet.

78. L-għan ta' divulgazzjonijiet pubbliċi hu li jipprovdu informazzjoni utli għad-deċiżjonijiet fuq il-pożizzjoni u l-prestazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu, u bidliet li jsiru fihom, għal firxa wiesgħa ta' utenti b'mod ċar u li jinftiehem. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jimmiraw li jipprovdu informazzjoni li hi rilevanti u komparabbli sabiex l-utenti jkunu jistgħu jagħmlu deċiżjonijiet f'waqthom u informati u jkunu kapaċi jivvalutaw l-intendenza tal-korp maniġerjali u tal-maniġment superjuri.

79. Divulgazzjonijiet finanzjarji u tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu għandhom isiru skont l-oqfsa kontabilistiċi u superviżorji applikabbli[12]. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu d-divulgazzjonijiet meħtieġa sabiex juru b'mod ġust l-iskopertura għar-riskju tal-kreditu ta' istituzzjoni, inklużi l-istimi tal-ECL tagħha, u biex jipprovdu informazzjoni rilevanti fuq il-prattiki ta' sottoskrizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu.

80. B'mod konsistenti mal-istandards u r-regolamenti kontabilistiċi applikabbli, il-maniġment superjuri tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu japplika ġudizzju biex jiddetermina l-livell xieraq tal-aggregazzjoni u d-diżaggregazzjoni tad-data żvelata, biex id-divulgazzjonijiet ikomplu jissodisfaw ir-rekwiżiti kontabilistiċi, u jipprovdu għarfien dwar l-iskopertura ta' istituzzjoni ta' kreditu għar-riskju tal-kreditu u ECLs għall-utenti biex iwettqu analiżi tal-istituzzjoni individwali u tqabbil rilevanti bejn il-pari.

81. Meta jitqiesu komplessivament, id-divulgazzjonijiet kwantitattivi u kwalitattivi għandhom jikkomunikaw lill-utenti s-suppożizzjonijiet/l-inputs ewlenin li jintużaw biex jiġu żviluppati l-istimi tal-ECL. Id-divulgazzjonijiet għandhom jenfasizzaw politiki u definizzjonijiet li huma integrali għall-istima tal-ECL (bħall-bażi għall-aggruppament ta' skoperturi ta' għoti ta' self ta' istituzzjoni ta' kreditu f'portafolli b'karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu simili u d-definizzjoni tagħha ta' inadempjenza[13]), fatturi li jikkawżaw bidliet fl-istimi tal-ECL, u l-mod li fih il-ġudizzju tal-kreditu għaqli tal-maniġment superjuri ġie inkorporat. Id-divulgazzjoni ta' politiki sinifikanti għandha tindika kif dawk il-politiki ġew implimentati fil-kuntest speċifiku tal-istituzzjoni ta' kreditu.

82. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu divulgazzjonijiet kwalitattivi dwar kif informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi fatturi makroekonmiċi, ġiet inkorporata fil-proċess tal-istima tal-ECL, skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, b'mod partikolari meta l-valutazzjoni ssir fuq bażi individwali.

83. Divulgazzjonijiet li jirrigwardaw il-bażi għall-aggruppament ta' skoperturi ta' għoti ta' self għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif il-maniġment superjuri jissodisfa lilu nnifsu li l-iskoperturi tal-għoti ta' self huma aggruppati kif jixraq, b'mod li dawn il-gruppi jkomplu jaqsmu karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu.

84. Biex titjieb il-kwalità u s-sinifikat ta' informazzjoni żvelata għal stimi tal-ECL, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu spjegazzjoni ta' bidliet sinifikanti għall-istima tal-ECL minn żmien għal żmien. Din l-informazzjoni għandha tinkludi kemm divulgazzjonijiet kwalitattivi u kemm divulgazzjonijiet kwantitattivi rilevanti b'mod li jtejjeb il-ftehim ta' kif inbidlu l-istimi tal-ECL.

[12] Skont il-Parti 8 tar-Regolament (UE) 575/2013, EBA GL/2016/11 dwar ir-rekwiżiti tad-divulgazzjonijiet skont il-Parti 8 tar-Regolament (UE) 573/2013) u EBA GL/2014/14 dwar il-materjalità, il-proprjetà u l-kunfidenzjalità u dwar il-frekwenza tad-divulgazzjoni skont l-Artikoli 432(1), 432(2) u 433 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

[13] Ara l-paragrafi 89 u 90 fit-taqsima li jmiss għal aktar gwida dwar id-definizzjoni ta' inadempjenza.

85. Il-korp maniġerjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jirrevedi regolarment il-politiki tad-divulgazzjonijiet tiegħu biex jiġi żgurat li l-informazzjoni żvelata tkompli tkun rilevanti għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu, għall-konċentrazzjonijiet tal-prodott, għan-normi tal-industrija u għall-kundizzjonijiet attwali tas-suq. Meta jagħmlu dan, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu divulgazzjonijiet li jiffaċilitaw it-tqabbil mal-pari tagħha, li jippermettu lill-utenti jimmonitorjaw bidliet fl-istimi tal-ECL tal-isitituzzjoni tal-kreditu minn żmien għal żmien u jwettqu analiżi fi gruppi ta' pari nazzjonali u internazzjonali.

## 4.3 Linji gwida speċifiċi għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li japplikaw l-IFRS 9

Din it-taqsima tagħti linji gwida dwar aspetti tar-rekwiżiti tal-ECL fit-taqsimiet tal-indeboliment tal-IFRS 9 — (i) il-provvediment kontra t-telf f'ammont li jilħaq l-ECL fuq 12-il xahar; (ii) il-valutazzjoni ta' żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu; u (iii) l-użu ta' espedjenti prattiċi — li mhumiex komuni għal oqfsa kontabilistiċi oħra tal-ECL u għandhom jinqraw flimkien mat-taqsimiet l-oħra ta' dawn il-linji gwida.

### 4.3.1 Provvediment kontra t-telf f'ammont li jilħaq l-ECL fuq 12-il xahar

86. Skont il-paragrafi 5.5.5 tal-IFRS 9, "jekk, fid-data tar-rappurtar, ir-riskju tal-kreditu fuq strument finanzjarju ma jkunx żdied b'mod sinifikanti mir-rikonoxximent inizjali, entità għandha tkejjel il-provvediment kontra t-telf għal dak l-istrument finanzjarju f'ammont li jilħaq it-telf ta' kreditu mistenni fuq 12-il xahar". L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikejlu l-ECL għal kull skopertura ta' għoti ta' self u provvediment ta' żero għandu jkun rari għaliex l-istimi tal-ECL huma ammont imwieżen bil-probabbiltà li dejjem għandu jirrifletti l-possibbiltà li jseħħ telf ta' kreditu (ara l-paragrafi 5.5.17 u 5.5.18 tal-IFRS 9). Minkejja dan, provvediment ta' żero jista' jseħħ, pereżempju, għal self kollateralizzat bis-sħiħ (madankollu l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu kawti meta jiżviluppaw stimi tal-valur kollaterali, għaliex il-valutazzjoni tal-kollateral fl-oriġini tista' tinbidel matul il-ħajja tas-self).

87. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jadottaw approċċ attiv biex jivvalutaw u jkejlu l-ECL fuq 12-il xahar li jippermetti bidliet biex ir-riskju tal-kreditu jiġi identifikat f'manjiera f'waqtha u b'hekk jippermetti r-rikonoxximent f'waqtu ta' dawk il-bidliet fl-ECL. Skont il-Prinċipju 6, l-istimi tal-ammont u taż-żmien tal-ECL fuq 12-il xahar għandhom jirriflettu l-ġudizzju tal-kreditu għaqli tal-maniġment superjuri, u jirrappreżentaw stima mwieżna bil-probabbiltà imparzjali tal-ECL bil-kunsiderazzjoni ta' firxa ta' riżultati possibbli.

88. L-IFRS 9 jiddefnixxi ammont li jilħaq l-ECL fuq 12-il xahar bħala "il-porzjon tat-telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja li jirrappreżenta t-telf ta' kreditu mistenni li jirriżulta minn events ta' inadempjenza fuq strument finanzjarju li huma possibbli fi żmien it-12-il xahar wara d-data tar-rappurtar"[14]. Għal dawn l-iskopijiet, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jeħtieġ jinnutaw li ammont

[14] Ara l-IFRS 9, l-Appendiċi A, Termini definiti.

li jilħaq l-ECL fuq 12-il xahar mhuwiex l-unika telf mistenni fit-12-il xahar li ġejjin; anzi, skont l-IFRS 9, il-paragrafu B5.5.43, huma n-nuqqasijiet ta' flus mistennija matul il-ħajja tal-iskopertura ta' għoti ta' self jew il-grupp tal-iskoperturi ta' għoti ta' self, minħabba events ta' telf li jistgħu jseħħu fit-12-il xahar li ġejjin. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jeħtieġ ukoll jinnutaw li, skont l-IFRS 9, il-paragrafu 5.5.9, biex jivvalutaw jekk strument finanzjarju għandux imur għal miżura tal-ECL tul il-ħajja, jeħtieġ li tiġi kkunsidrata l-bidla fir-riskju li sseħħ inadempjenza matul il-ħajja mistennija tal-istrument finanzjarju. F'ċerti ċirkostanzi, l-IFRS 9 jippermettu li bidliet fir-riskju li sseħħ inadempjenza matul it-12-il xahar li ġejjin jintużaw biex issir din il-valutazzjoni; madankollu, dan mhux dejjem jista' jkun xieraq, u għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-eżempji stabbiliti fl-IFRS 9, il-paragrafu B5.5.14.

89. L-IFRS 9, il-paragrafu B5.5.37, ma jiddefinixxix inadempjenza, iżda jeħtieġ li istituzzjonijiet ta' kreditu jiddefinixxu inadempjenza b'manjiera konsistenti ma' dik użata għall-ġestjoni interna tar-riskju tal-kreditu. L-IFRS 9, il-paragrafu B5.5.37, jinkludi wkoll suppożizzjoni konfutabbli li inadempjenza ma sseħħx iktar tard minn 90 ġurnata mid-data ta' skadenza. Meta jkunu qed jadottaw definizzjoni ta' inadempjenza għal skopijiet kontabilistiċi, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiġu ggwidati mid-definizzjoni użata għal skopijiet regolatorji li tingħata fl-Artikolu 178 tar-Regolament (UE) 575/2013[15], li tinkludi kemm:

a. kriterju kwalitattiv li permezz tiegħu "l-istituzzjoni tikkunsidra li l-obbligant aktarx mhux ser iħallas l-obbligi tal-kreditu tiegħu lill-istituzzjoni, lill-impriża omm jew lil kwalunkwe sussidjarja tagħha bis-sħiħ, mingħajr ma l-istituzzjoni tirrikori għal azzjonijiet bħar-realizzazzjoni tat-titolu" (events ta' "improbabbiltà tal-ħlas"); u

b. indikatur oġġettiv fejn "l-obbligant huwa moruż aktar minn 90 ġurnata fuq kull obbligu ta' kreditu materjali lill-istituzzjoni ta' kreditu, lill-impriża omm jew lil kwalunkwe sussidjarja tagħha", ekwivalenti għas-suppożizzjoni konfutabbli fl-IFRS 9, il-paragrafu B5.5.37.

90. Skont l-Artikolu 178(1) tar-Regolament (UE) 575/2013, event ta' inadempjenza jitqies li jkun seħħ fir-rigward ta' obbligant partikolari meta kwalunkwe wieħed mill-kriterji fil-paragrafi 4(a) u (b) jiġu ssodisfati, jew meta jiġu ssodisfati t-tnejn. F'dan il-kuntest, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jidentifikaw inadempjenza, skont il-kriterju tal-"improbabbiltà tal-ħlas" tal-obbligant, qabel l-iskopertura ssir delinkwenti mal-kriterju ta' 90 ġurnata wara d-data tal-iskadenza. F'konformità mal-approċċ segwit għall-iskopijiet regolatorji, il-lista ta' elementi li tingħata fl-Artikolu 178(3) tar-Regolament (UE) 575/2013 bħala indikazzjonijiet tal-improbabbiltà tal-ħlas għandha tiġi implimentata b'mod li jiżgura l-iskoperta f'waqtha ta' events ta' "improbabbiltà tal-ħlas" li jikkawżaw nuqqasijiet ta' flus eventwali. Fir-rigward tal-kriterju fil-paragrafu 4(b), minkejja li għal skopijiet regolatorji fil-każ ta' obbligi ta' entitajiet tal-bejgħ bl-imnut u tas-settur pubbliku, l-awtoritajiet kompetenti, għall-figura ta' 90 ġurnata, jistgħu jissostitwixxu figura sa 180 ġurnata għal prodotti differenti, kif tikkunsidra xieraq għall-kundizzjonijiet lokali (ara l-Artikolu 178(1)(b) tar-Regolament (UE) 575/2013), din il-possibbiltà

[15] L-EBA ippubblikat abbozz tal-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178 tar-Regolament 575/2013.

m'għandhiex tinqara bħala eżenzjoni mill-applikazzjoni tas-suppożizzjoni konfutabbli ta' 90 ġurnata fl-IFRS9, il-paragrafu B5.5.37, għal dawk l-iskoperturi.

91. Fil-formulazzjoni tal-istima tal-ammont li jilħaq l-ECL fuq 12-il xahar, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw informazzjoni raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta, kif imsemmi fid-Definizzjonijiet u fil-Prinċipju 6 ta' dawn il-linji gwida, li jaffettwaw ir-riskju tal-kreditu, speċjalment informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi fatturi makroekonomiċi. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jeżerċitaw ġudizzju tal-kreditu għaqli biex jikkunsidraw kemm informazzjoni kwalitattiva kif ukoll informazzjoni kwantitattiva li tista' taffettwa l-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjoni ta' kreditu. L-IFRS 9 jipprovdi li entità m'għandhiex għalfejn tagħmel tfittxija eżawrjenti għall-informazzjoni meta tkejjel ammont li jilħaq ECL fuq 12-il xahar. Madankollu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jinkorporaw b'mod attiv l-informazzjoni li tista' taffettwa l-istima tal-ECL, u l-istituzzjonijiet ta' kreditu m'għandhomx jeskludu jew jinjoraw informazzjoni rilevanti li hi raġonevolment disponibbli.

92. Fejn istituzzjoni ta' kreditu toriġina skoperturi b'riskju tal-kreditu għoli (li, fil-kuntest ta' dan il-paragrafu, m'għandhomx jinftiehmu bħala li jfissru l-kontra ta' skoperturi "b'riskju tal-kreditu baxx" kif deskritt mill-IFRS 9, il-paragrafu 5.5.10) u l-provvedimenti tagħhom jitkejlu fil-bidu fl-ECL fuq 12-il xahar, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha timmonitorja dawn l-iskoperturi mill-qrib għal żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu biex jiġi żgurat ċaqliq f'waqtu tal-iskopertura għall-kejl tal-ECL tul il-ħajja, biex jitqies li skoperturi b'riskju għoli aktarx juru aktar volatitilà u jesperjenzaw żieda aktar rapida fir-riskju tal-kreditu.

93. Anki jekk żieda fir-riskju tal-kreditu ma tiġix iġġudikata li tkun sinifikanti, istituzzjoni ta' kreditu għandha taġġusta l-istima tagħa tal-ECL fuq 12-il xahar biex b'mod xieraq tirrifletti bidliet fir-riskju tal-kreditu li seħħew. Dawn l-aġġustamenti għandhom isiru ferm qabel ma jiċċaqilqu l-iskoperturi, jew individwalment jew kollettivament, għal kejl tal-ECL tul il-ħajja u filwaqt li titqies kwalunkwe migrazzjoni tar-riskju tal-kreditu li seħħet.

94. Fejn isseħħ valutazzjoni kollettiva, l-iskoperturi fi ħdan dak il-grupp għandhom jaderixxu għar-rekwiżiti stabbiliti fil-Prinċipju 3 ta' dawn il-linji gwida. B'mod partikolari, fejn informazzjoni ssir disponibbli għall-istituzzjoni ta' kreditu li tindika li hi meħtieġa segmentazzjoni ulterjuri jew differenti fi ħdan grupp ta' skoperturi ta' għoti ta' self, il-grupp għandu jinqasam f'sottogruppi u l-kejl tal-ammont li jilħaq l-ECL fuq 12-il xahar għandu jiġi aġġornat b'mod separat għal kull sottogrupp jew, fil-każ ta' ċirkostanzi tranżitorji, għandu jiġi applikat aġġustament temporanju (ara l-Prinċipju 3 ta' dawn il-linji gwida u r-rekwiżiti dettaljati tiegħu fuq l-użu ta' aġġustamenti temporanji). Fejn issir disponibbli informazzjoni li tindika li sottogrupp partikolari sofra żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu, l-ECL tul il-ħajja għandu jiġi rikonoxxut fir-rigward ta' dak is-sottogrupp.

95. L-iskoperturi tal-għoti ta' self m'għandhomx jiġu aggruppati b'mod li jgħatti l-identifikazzjoni ta' żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu fuq bażi f'waqtha (ara wkoll il-Prinċipji 3 u 4 ta' dawn il-linji gwida għal rekwiżiti addizzjonali li jirrigwardaw l-aggruppar u l-valutazzjonijiet kollettivi tal-ECL).

### 4.3.2 Valutazzjoni ta' żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu

96. L-IFRS 9, il-paragrafu 5.5.4, jiddikjara li "l-għan tar-rekwiżiti tal-indeboliment huwa li jiġi rikonoxxut telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għall-istrumenti finanzjarji kollha li għalihom kien hemm żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu mir-rikonoxximent inizjali — sew jekk jiġu vvalutati fuq bażi individwali jew kollettiva — meta wieħed iqis l-informazzjoni kollha raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta, inkluża dik li tħares 'il quddiem."

97. Ir-raġunament għal dan l-approċċ hu li l-affidabbiltà kreditizja tal-kontroparti, u għalhekk l-ECL antiċipat fir-rikonoxximent inizjali, jitqies fl-ipprezzar tal-kreditu f'dak il-ħin. Għalhekk, jirriżulta li żieda wara l-oriġini fir-riskju tal-kreditu tista' ma tiġix ikkumpensata bis-sħiħ mir-rata tal-imgħax imposta, u, bħala konsegwenza, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw bir-reqqa jekk kienx hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu[16]. Jekk dan ikun il-każ, l-iskopertura tal-għoti ta' self għandha tkun soġġetta għal kejl tal-ECL tul il-ħajja.

98. Sabiex jikkunsidraw jekk skopertura sofrietx żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu u fil-kejl ta' ECL fuq 12-il xahar u ECL tul il-ħajja meħtieġa, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom fis-seħħ governanza, sistemi u kontrolli sodi, skont il-prinċipji speċifikati f'dawn il-linji gwida. Sakemm ma jkunux stabbiliti diġà, l-istituzzjonijeit ta' kreditu għandhom jimplimentaw sistemi li jkunu kapaċi jimmaniġġjaw u b'mod sistematiku jivvalutaw l-ammonti kbar ta' informazzjoni li ser ikunu meħtieġa biex jiġi ġġudikat jekk skoperturi ta' għoti ta' self jew gruppi ta' skoperturi ta' għoti ta' self partikolari jurux żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu, u biex jitkejjel l-ECL tul il-ħajja, fejn dak ikun il-każ. Impriżi omm u sussidjarji soġġetti għad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jiżguraw li l-approċċ ikun konsistenti fil-grupp. B'mod partikolari, dan għandu jinkludi l-implimentazzjoni ta' proċessi biex jiġi żgurat li previżjonijiet tal-kundizzjonijiet ekonomiċi f'ġurisdizzjonijiet u f'setturi ekonomiċi differenti jiġu riveduti u approvati mill-maniġment superjuri ta' istituzzjoni ta' kreditu, u li l-proċess, il-kontrolli u s-suppożizzjonijiet ekonomiċi madwar il-previżjonijiet u r-rabta ta' dawn mal-aspettattivi tat-telf ta' kreditu jkunu konsistenti fil-grupp. Il-ħtieġa għall-konsistenza m'għandhiex tiġi interpretata bħala rekwiżit li l-prattika għandha tkun identika fi grupp. Anzi, fi ħdan qafas konsistenti jista' jkun hemm differenzi f'ġurisdizzjonijiet u fi prodotti, skont, pereżempju, id-disponibbiltà tad-data. Dawn id-differenzi għandhom ikunu dokumentati u ġustifikati sew.

99. Il-proċessi tal-isitituzzjonijiet ta' kreditu fis-seħħ għandhom jippermettulhom jiddeterminaw fuq bażi f'waqtha u olistika jekk kienx hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu sussegwenti għar-rikonoxximent inizjali ta' skopertura ta' għoti ta' self sabiex skopertura individwali, jew grupp ta' skoperturi b'karatterisitiċi tar-riskju tal-kreditu simili, jiġu ttrasferiti għall-kejl tal-ECL tul il-ħajja malli riskju tal-kreditu jiżdied b'mod sinifanti, skont ir-rekwiżiti kontabilistiċi tal-indeboliment tal-IFRS 9.

[16] L-IFRS 9 jeħtieġ li l-entitajiet jikkunsidraw firxa wiesgħa ta' fatturi fil-valutazzjoni għal żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu, u l-ipprezzar jista' jkun wieħed minn dawk il-fatturi.

100. Kif innutat fil-paragrafu B5.5.17 tal-IFRS 9 dwar il-valutazzjoni ta' żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu mir-rikonoxximent inizjali, il-firxa ta' informazzjoni li ser teħtieġ li tiġi kkunsidrata biex issir din id-determinazzjoni hi wiesgħa. F'termini wiesa', din ser tinkludi informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet makroekonomiċi, u s-settur ekonomiku u r-reġjun ġeografiku rilevanti għal mutwatarju partikolari jew għal grupp ta' mutwatarji b'karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu maqsuma, flimkien ma' karatterisitiċi strateġiċi, operazzjonali u oħrajn speċifiċi għall-mutwatarju. Karatterisitika kritika hi l-kunsiderazzjoni meħtieġa tal-informazzjoni kollha li tħares 'il quddiem raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta li hi disponibbli mingħajr spejjeż u sforzi żejda (ara wkoll il-paragrafu 131 ta' dawn il-linji gwida dwar is-sett ta' informazzjoni li għandu jintuża), flimkien ma' informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet attwali u data storika.

101. Sabiex il-provvedimenti jiġu rikonoxxuti fuq bażi f'waqtha f'konformità mar-rekwiżiti tal-IFRS 9, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom:

a. jiġbru data u jgħaddu projezzjonijiet għall-ixprunaturi ewlenin tar-riskju tal-kreditu fl-iskoperturi u l-portafolli tal-għoti ta' self tagħhom; u

b. ikunu kapaċi jikkwantifikaw ir-riskju tal-kreditu f'kull skopertura jew portafoll ta' għoti ta' self tagħhom skont din id-data u dawn il-projezzjonijiet.

102. L-IFRS 9, il-paragrafu B5.5.2, jiddikjara li telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ġeneralment hu mistennija li jiġi rikonoxxut qabel ma strument finanzjarji jiskadi u li "tipikalment, ir-riskju tal-kreditu jiżdied b'mod sinifikanti qabel ma strument finanzarju jiskadi jew qabel ma jiġu osservati fatturi oħra speċifiċi għall-mutwatarju li għadhom lura (pereżempju modifika jew ristrutturar)". Għalhekk, l-analiżi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għandha tqis il-fatt li d-determinanti tat-telf ta' kreditu ħafna drabi jibdew jiddeterjoraw żmien konsiderevoli (xhur jew, f'ċerti każi, snin) qabel titfaċċa kwalunkwe evidenza oġġettiva ta' delinkwenza fl-iskoperturi tal-għoti ta' self affettwati. L-isitituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu konxji li d-data ta' delinkwenza ġeneralment tħares lura, u waħedha rari ser tkun xierqa fl-implimentazzjoni ta' approċċ tal-ECL. Pereżempju, f'portafolli tal-bejgħ bl-imnut żviluppi negattivi f'fatturi makroekonomiċi u f'attributi tal-mutwatarji ġeneralment ser iwasslu għal żieda fil-livell tar-riskju tal-kreditu ferm qabel din tidher f'informazzjoni li għadha lura bħad-delinkwenza.

103. Għalhekk, sabiex l-objettiv tal-IFRS 9 jiġi ssodisfat f'manjiera robusta, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ukoll jikkunsidraw ir-rabtiet bejn fatturi makroekonomiċi u attributi tal-mutwatarji għal-livell tar-riskju tal-kreditu f'portafoll ibbażat fuq informazzjoni raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta. Għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jibdew b'analiżi dettaljata tal-mudelli storiċi u tax-xejriet attwali, li jippermettu l-identifikazzjoni tal-aktar xprunaturi tar-riskju tal-kreditu rilevanti. Il-ġudizzju tal-kreditu għaqli għandu jiffaċilita l-inkorporazzjoni tal-kundizzjonijiet attwali u previsti li aktarx jaffettwaw dawk l-ixprunaturi tar-riskju, in-nuqqasijiet ta' flus mistennija u għalhekk l-aspettattivi tat-telf.

104. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom iwettqu analiżi ta’ dan it-tip mhux biss fil-kuntest ta’ portafolli ta’ krediti individwalment żgħar, bħal skoperturi ta’ karti ta’ kreditu, iżda anki għal skoperturi ta’ għoti ta’ self kbar immaniġġjati individwalment. Pereżempju, għal self ta’ proprjetà kummerċjali fuq skala kbira, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom iqisu s-sensittività konsiderevoli tas-suq tal-proprjetà kummerċjali f’ħafna ġurisdizzjonijiet għall-ambjent makroekonomiku ġenerali, u għandhom jikkunsidraw li jużaw informazzjoni bħal-livelli tar-rati ta’ imgħax jew ir-rati ta’ postijiet battala biex jiddeterminaw jekk kienx hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu.

105. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandu jkollhom politika ċara li tinkludi kriterji żviluppati sew dwar x’jikkostitwixxi żieda “sinifikanti” fir-riskju tal-kreditu għal tipi differenti ta’ skoperturi ta’ għoti ta’ self. Dawn il-kriterji u r-raġunijiet għaliex dawn l-approċċi u d-definizzjonijiet jitqiesu xierqa għandhom jiġu żvelati skont l-IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Żvelar*, il-paragrafu 35F. L-IFRS 9, il-paragrafu 5.5.9 jeħtieġ li, meta tkun qed tagħmel il-valutazzjoni ta’ żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu, “entità għandha tuża l-bidla fir-riskju ta’ inadempjenza li jseħħ matul il-ħajja mistennija tal-istrument finanzjarju minflok il-bidla fl-ammont ta’ telf ta’ kreditu mistenni”. Għal dawn l-iskopijiet, l-istituzzjonijet għandhom jagħmlu din il-valutazzjoni f'termini tar-riskju li sseħħ inadempjenza u mhux tat-telf ta’ kreditu mistenni (jiġifieri qabel il-kunsiderazzjoni tal-effetti ta’ mitiganti tar-riskju tal-kreditu bħal kollateral jew garanziji).

106. Fl-iżvilupp tal-approċċ tagħhom biex jiddeterminaw żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jikkunsidraw kull waħda mis-16-il kategorija ta’ indikaturi fl-IFRS 9 (sakemm dawn ikunu rilevanti għall-istrument finanzjarju li qed jiġi vvalutat) kif stabbilit fil-paragrafi B5.5.17(a)-(p) u, barra minn hekk, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jikkunsidraw jekk hemmx informazzjoni ulterjuri li għandha titiqies. Dawn l-indikaturi (kemm fl-IFRS 9 u kemm f'dawn il-linji gwida) m'għandhomx jitqiesu bħala “lista ta’ kontroll”. Xi wħud jistgħu jkunu aktar rilevanti minn oħrajn biex jiġi vvalutat jekk tip partikolari ta’ skoperturi ta’ għoti ta’ self jurix żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu. Fl-istess waqt, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom b’mod partikolari joqogħdu attenti li jevitaw ir-riskju li żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu ma tiġix rikonoxxuta fil-pront meta fil-fatt tkun preżenti. B’mod partikolari, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu m’għandhomx jirrestrinġu żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu għal sitwazzjonijiet fejn strument finanzjarju jiġi antiċipat biex isir indebolit bil-kreditu (jiġifieri t-tielet stadju tar-rekwiżiti għall-indeboliment tal-IFRS 9). Anzi, il-mutwatarji jistgħu juru żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu mingħajr evidenza li l-iskoperturi tal-għoti ta’ self relatati aktarx jiġu indeboliti. Il-fatt li r-riskju tal-kreditu żdied b’mod sinifikanti ma jfissirx neċessarjament li l-inadempjenza hi probabbli — biss li hi aktar probabbli milli fir-rikonoxximent inizjali. Dan il-punt jiġi enfasizzat mis-simetrija tal-mudell tal-IFRS 9: hu possibbli li l-iskoperturi tal-għoti ta’ self jiċċaqilqu għal ECL tul il-ħajja iżda li sussegwentement jitreġġgħu lura għal ECL fuq 12-il xahar jekk il-limitu ta’ żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu ma jibqax jiġi ssodisfat.

107. L-isituzzjonijiet ta' kreditu għandhom b'mod partikolari jikkunsidraw il-lista mhux eżawrjenti li ġejja ta' indikaturi fil-valutazzjoni ta' żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu:

a. deċiżjoni mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni ta' kreditu b'tali mod li, jekk toriġina mill-ġdid skopertura ta' għoti ta' self eżistenti fid-data tar-rappurtar, l-element tal-prezz tal-iskopertura tal-għoti ta' telf li jirrifiletti r-riskju tal-kreditu tal-iskopertura jkun sinifikament ogħla minn kemm kien meta s-self fil-fatt oriġina, minħabba żieda fir-riskju tal-kreditu tal-mutwatarju speċifiku jew il-kategorija tal-mutwatarji mill-bidu;

b. deċiżjoni mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni ta' kreditu biex jissaħħaħ il-kollateral u/jew ir-rekwiżiti tal-patt għal skoperturi ta' għoti ta' self ġodda li jkunu simili għal skoperturi ta' għoti ta' self li diġà ġew oriġinati, minħabba bidliet fir-riskju tal-kreditu ta' dawk l-iskoperturi mir-rikonoxximent inizjali;

c. deklassifikazzjoni ta' mutwatarju minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rikonoxxuta, jew fi ħdan sistema tal-klassifikazzjoni tal-kreditu interna ta' istituzzjoni ta' kreditu;

d. għal skoperturi ta' għoti ta' self produttivi soġġetti għal monitoraġġ u reviżjoni individwali, sommarju tal-valutazzjoni tal-kreditu/indikatur tal-kwalità tal-kreditu intern li hu aktar dgħajjef mir-rikonoxximent inizjali;

e. deterjorament ta' determinanti rilevanti tar-riskju tal-kreditu (eż. flussi ta' flus futuri) għal obbligant individwali (jew grupp ta' obbliganti); u

f. aspettattiva ta' modifika minħabba diffikultajiet finanzjarji, inklużi dawk li jikkwalifikaw bħala tolleranza skont ir-Regolament (UE) 2015/227.

Filwaqt li l-implimentazzjoni tal-IFRS 9 għandha tirrifletti prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu fejn ikun possibbli, f'ċerti każijiet dak ma jkunx xieraq. Jekk, pereżempju, istituzzjoni ta' kreditu timmaniġġja l-maġġor parti tal-iskoperturi tal-għoti ta' self bl-istess mod irrispettivament mir-riskju tal-kreditu — bl-eċċezzjoni biss ta' krediti partikolarment qawwija jew dgħajfa — il-manjiera li fiha skopertura ta' self tiġi mmaniġġjata aktarx ma tkunx indikatur sod ta' jekk kienx hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu.

108. Meta jivvalutaw jekk kienx hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu għal skopertura ta' għoti ta' self, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ukoll iqisu l-fatturi li ġejjin li huma relatati mal-ambjent li fiha topera istituzzjoni ta' kreditu jew mutwatarju:

a. deterjorament tal-prospettiva makroekonomika rilevanti għal mutwatarju jew għal grupp ta' mutwatarji partikolari. Valutazzjonijiet makroekonomiċi għandhom ikunu biżżejjed rikki li jinkludu fatturi rilevanti għal mutwatarji sovrani, korporattivi, domestiċi jew tipi oħra ta'

mutwatarji. Barra minn hekk, għandhom jindirizzaw kwalunkwe differenzi reġjonali differenti fil-prestazzjoni ekonomika fi ħdan ġurisdizzjoni[17]; u

b. deterjorament tal-prospettivi għall-qasam jew l-industriji li fi ħdanhom jopera mutwatarju.

109. L-identifikazzjoni preċiża tal-ixprunaturi tar-riskju tal-kreditu, u d-dimostrazzjoni affidabbli tar-rabtiet bejn dawk l-ixprunaturi u l-livell tar-riskju tal-kreditu għandhom jitqiesu bħala kritiċi, għaliex bidla li tidher żgħira f'karatteristika kwalitattiva ta' self potenzjalment tista' tkun indikatur ewlieni ta' żieda kbira fir-riskju li sseħħ inadempjenza. Barra minn hekk, skont l-IFRS 9, il-paragrafu 5.5.9, is-sinifikat ta' bidla fir-riskju tal-kreditu mir-rikonoxximent inizjali jiddependi fuq ir-riskju li sseħħ inadempjenza fir-rikonoxximent inizjali. F'dan ir-rigward, fejn istituzzjoni ta' kreditu tuża bidliet fil-PD bħala mezz tal-identifikazzjoni ta' bidliet fir-riskju li sseħħ inadempjenza, hi għandha tqis is-sinifikat ta' bidla partikolari fil-PD espressa f'proporzjon (jew ir-rata tal-fluttwazzjoni) proporzjonali għall-PD fir-rikonoxximent inizjali (jiġifieri bidla fil-PD diviża mill-PD fir-rikonoxximent inizjali), filwaqt li tqis ukoll il-paragrafu B5.5.11 tal-IFRS 9. Madankollu, għandha wkoll titqies il-wisa' tal-bidla fil-PD nfisha (jiġifieri l-PD fid-data tal-kejl bit-tnaqqis tal-PD fir-rikonoxximent inizjali).

110. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iħarsu lil hinn minn kemm "klassifikazzjoniet" timplika deklassifikazzjoni għaliex il-bidla fil-PD għal ċaqliqa ta' klassifikazzjoni waħda tista' ma tkunx lineari (pereżempju, il-probabbiltà ta' inadempjenza matul ħames snin ta' skopertura bil-klassifikazzjoni BB hi madwar tliet darbiet dik ta' waħda bil-klassifikazzjoni BBB, skont id-data u l-analiżi attwali applikabbli għal ċerti ġurisdizzjonijiet). Barra minn hekk, peress li s-sinifikat ta' ċaqliqa ta' klassifikazzjoni waħda tiddependi fuq il-granularità tas-sistema tal-klassifikazzjoni ta' bank — u għalhekk il-"wisa'" ta' kull klassifikazzjoni — għandha tiġi definita segmentazzjoni inizjali xierqa biex jiġi żgurat li żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu għal skopertura ta' għoti ta' self individwali jew għal grupp ta' skoperturi ta' self ma titgħattiex fi ħdan qasam. F'dan ir-rigward, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżguraw li s-sistemi tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-kreditu jinkludu numru suffiċjenti ta' klassifikazzjonijiet biex jiddistingwu r-riskju tal-kreditu b'mod xieraq. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ukoll ikunu konxji tal-fatt li żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu tista' sseħħ qabel ċaqlilqa fil-klassifikazzjoni tal-kreditu.

111. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iqisu li hemm ċerti ċirkostanzi li fihom ċaqliqa negattiva fil-fatturi msemmija fil-paragrafi 107 u 108 hawn fuq jistgħu ma jindikawx żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu. Pereżempju, jista' jkun il-każ li l-probabbiltà ta' inadempjenza ta' skopertura ta' għoti ta' self ikklassifikata AA tkun baxxa, u mhux ħafna ogħla minn waħda kklassifikata AAA. Madankollu, huma vera ftit l-iskoperturi ta' għoti ta' self li għandhom riskju tal-kreditu li jidher baxx — u, kif innutat fil-paragrafu 110, is-sensittività tal-probabbiltà tal-inadempjenza biex tikklassifika tista' tiżdied ħafna hekk kif il-kwalità tal-klassifikazzjoni tonqos.

[17] Ara l-Prinċipju 6 ta' dawn il-linji gwida dwar il-kunsiderazzjoni ta' informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi fatturi makroekonomiċi.

112. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ukoll ikunu konxji li jista' jkun hemm xi ċirkostanzi li fihom xi fatturi jiċċaqilqu f'direzzjoni negattiva iżda jistgħu jiġu kontrobilanċjati minn titjib f'oħrajn (ara l-Gwida dwar l-Implimentazzjoni tal-IFRS 9, l-Eżempju 2). Mdankollu, fid-dawl tal-importanza li jiġi skopert jekk kienx hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jimplimentaw proċessi ta' governanza u ta' kontroll li kapaċi jivvalidaw b'mod affidabbli kwalunkwe ġudizzju li fatturi li jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq ir-riskju tal-kreditu jiġu kontrobilanċjati minn fatturi li jistgħu jkollhom impatt favorevoli.

113. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħtu kunsiderazzjoni bir-reqqa u piż sħiħ lil deċiżjonijiet ta' diskrezzjoni mill-korp maniġerjali jew mill-maniġment superjuri ta' istituzzjoni ta' kreditu li jindikaw bidla fir-riskju tal-kreditu. Pereżempju, jekk minħabba tħassib dwar ir-riskju tal-kreditu tittieħed deċiżjoni biex jiġi intensifikat il-monitoraġġ ta' mutwatarju jew ta' kategorija ta' mutwatarji, aktarx li din l-azzjoni ma kinitx tittieħed minn dak li ħa d-deċiżjoni li kieku ż-żieda fir-riskju tal-kreditu ma tqisitx bħala sinifikanti.

114. Meta istituzzjoni ta' kreditu tivvaluta li kien hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu għal uħud, iżda mhux kollha, mill-iskoperturi għoti ta' ta' self tagħha lil kontroparti — pereżempju, minħabba differenzi fiż-żmien ta' meta ngħata s-self — hi għandha tiżgura li l-iskoperturi ta' self kollha jkunu identifikati fejn kien hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu.

115. Fejn istituzzjoni ta' kreditu tagħmel il-valutazzjoni ta' żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu fuq bażi kollettiva (jiġifieri bħal bejgħ bl-imnut), id-definizzjonijiet ta' portafolli għandha tiġi riveduta regolarment biex jiġi żgurat li l-iskoperturi tal-għoti ta' self fi ħdanhom ikomplu jaqsmu karatteristiċi ta' riskju f'termini tar-rispons tagħhom lil xprunaturi tar-riskju tal-kreditu. Tibdil fil-kundizzjonijiet ekonomiċi jista' jeħtieġ raggruppament.

116. F'konformità mal-paragrafu B5.5.1 tal-IFRS 9 dwar il-valutazzjoni ta' żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu mir-rikonoxximent inizjali fuq bażi kollettiva, f'każijiet fejn jidher li, fi ħdan grupp ta' skoperturi ta' għoti ta' self, xi skoperturi ta' għoti ta' self esperjenzaw żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jittrasferixxu subsett jew proporzjon tal-grupp ta' skoperturi ta' self għall-kejl tal-ECL tul il-ħajja anki jekk ma jkunx possibbli li dan jiġi identifikat fuq bażi ta' skopertura ta' għoti ta' self individwali (ara l-IFRS 9, Eżempju Illustrattiv 5).

117. Konsistenti mal-paragrafu B5.5.6 tal-IFRS 9 u mal-paragrafu IE39 tal-Gwida dwar l-Implimentazzjoni għall-IFRS 9, jekk fuq il-bażi ta' karatteristiċi tar-riskju tal-kreditu maqsuma ma jkunx possibbli li jiġi identifikat sottogrupp partikolari għal skoperturi ta' għoti ta' self li għalihom żdied b'mod sinifikanti r-riskju tal-kreditu, proporzjon xieraq tal-grupp ġenerali għandu jkun soġġett għal kejl tal-ECL tul il-ħajja.

118. "Sinifikanti" m'għandhiex titqabbel ma' sinifikat statistiku, li jfisser li l-approċċ tal-valutazzjoni m'għandux ikun ibbażat biss fuq analiżi kwantitattiva. Fil-każ ta' portafolli li

għandhom numru kbir ta’ krediti individwalment żgħar, u sett rikk ta’ data storika rilevanti, tista’ tkun possibbli l-identifikazzjoni ta’ żidiet “sinifikanti” fir-riskju tal-kreditu parzjalment bl-użu ta’ tekniki statistiċi. Madankollu, għal skoperturi ta’ għoti ta’ self oħra, dan jista’ ma jkunx fattibbli.

119. “Sinifikanti” ukoll m’għandhiex tiġi ġġudikata f’termini tal-impatt fuq id-dikjarazzjonjiet finanzjarji primarji ta’ istituzzjoni ta’ kreditu. L-identifikazzjoni u d-divulgazzjoni ta’ żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu għandhom isiru, anki fejn żieda fir-riskju tal-kreditu definita f'termini ta’ probabbiltà ta’ inadempjenza aktarx ma taffettwax il-provvediment li sar — pereżempju, għax l-iskopertura tkun aktar minn kollateralizzata bis-sħiħ — biex l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jkunu jistgħu jidentifikaw u jiddivulgaw dawn iż-żidiet li aktarx ikunu importanti għal utenti li qed ifittxu li jifhmu xejriet fir-riskju tal-kreditu intrinsiku tal-iskoperturi tal-għoti ta’ self ta’ istituzzjoni ta’ kreditu.

120. Skont l-IFRS 9, il-paragrafu 5.5.9, il-valutazzjoni ta’ żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu hi bbażata fuq it-tqabbil tar-riskju tal-kreditu fuq skoperturi fid-data tar-rappurtar relattivi għar-riskju tal-kreditu fir-rikonoxximent inizjali. L-IFRS 9, il-paragrafu BC 5.161, u l-Eżempju Illustrattiv 6 jirrappreżentaw eżempju tal-applikazzjoni ta’ dan il-prinċipju fl-Istandard, aktar milli eċċezzjoni għal dak il-prinċipju. Dan l-eżempju jissuġġerixxi li l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jistgħu jissettjaw riskju tal-kreditu massimu għal portafolli partikolari fir-rikonoxximent inizjali li jwasslu lil dak il-portafoll jiċċaqlaq għall-kejl tal-ECL tul il-ħajja meta r-riskju tal-kreditu jiżdied aktar mil-livell massimu. Din is-simplifikazzjoni hi rilevanti biss meta l-iskoperturi jinqasmu fuq bażi biżżejjed granulari b’tali mod li istituzzjoni ta’ kreditu tist’ turi li l-analiżi hi konsistenti mal-prinċipji tal-IFRS 9. B’mod speċifiku, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom ikunu kapaċi juru li żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu ma seħħitx għal oġġetti fil-portafoll qabel ma ntlaħqet il-klassifikazzjoni massima tal-kreditu.

121. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jivvalutaw b’mod rigoruż il-kwalità tal-approċċ tagħhom biex jivvalutaw jekk ir-riskju tal-kreditu żdiedx b’mod sinifikanti. Il-korp maniġerjali jew il-maniġment superjuri ta’ istituzzjoni ta’ kreditu għandu jikkunsidra jekk hemmx fatturi addizzjonali li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni ta’ żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu li jtejbu l-kwalità tal-approċċ tagħhom.

122. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom ikunu attenti għal kwalunkwe possibbiltà ta’ introduzzjoni ta’ parzjalità li tipprevjeni l-għanijiet tal-IFRS 9 milli jintlaħqu. F’każijiet fejn l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jemmnu li l-approċċ tagħhom għall-implimentazzjoni aktarx introduċa parzjalità, huma għandhom jibdlu l-valutazzjoni tagħhom għall-parzjalità identifikata u għalhekk jiżguraw li l-għan tal-Istandard jintlaħaq (ara b’mod partikolari l-IFRS 9, il-paragrafi B5.5.1-B5.5.6).

123. L-IFRS 9, fil-paragrafi 5.5.12 u B5.5.25-B5.5.27, jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-valutazzjoni ta’ żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu għal skoperturi ta’ għoti ta’ self li l-flussi ta’ fluss kuntrattwali tagħhom ġew negozjati mill-ġdid jew modifikati. B’mod partikolari, għal modifiki li ma jirriżultawx fl-irtirar tar-rikonoxximent skont l-IFRS 9, entità jeħtieġ tivvaluta jekk riskju

ta’ kreditu żdiedx b’mod sinifikanti billi tqabbel (a) ir-riskju li sseħħ inadempjenza fid-data tar-rappurtar skont it-termini kuntrattwali modifikati ma’ (b) ir-riskju li sseħħ inadempjenza fir-rikonoxximent inizjali skont it-termini oriġinali u mhux modifikati.

124. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jiżguraw li l-modifiki jew l-innegozjar mill-ġdid ma jgħattux żidiet fir-riskju tal-kreditu u b’hekk jikkawżaw li l-ECL jingħata stima baxxa u li jiddewwem it-trasferiment għal ECL tul il-ħajja tal-obbliganti li r-riskju tal-kreditu tagħhom naqas b’mod sinifikanti, jew li b’mod mhux xieraq jirriżultaw f’ċaqliqa mill-kejl tal-ECL tul il-ħajja lura għall-kejl tal-ECL fuq12-il xahar.

125. Meta jiddeterminaw jekk hemmx żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu għal skopertura ta’ għoti ta’ self modifikata, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom ikunu kapaċi jiddeterminaw, u meta jiżviluppaw l-istimi tal-ECL għandhom iqisu, jekk dawn il-modifiki jew in-negozjati mill-ġdid tejbux jew tawx lura l-kapaċità tal-istituzzjoni tal-kreditu biex tiġbor l-imgħax u l-pagamenti prinċipali mqabbla mas-sitwazzjoni fir-rikonoxximent inizjali. Għandha tingħata wkoll kunsiderazzjoni lis-sustanza ta’ flussi ta’ flus kuntrattwali modifikati kif ukoll lill-implikazzjonijiet tal-modifiki għar-riskju tal-kreditu futur tal-iskopertura tal-għoti ta’ self (filwaqt li jitqies ir-riskju tal-kreditu tal-obbligant). Fatturi li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu, iżda mhumiex limitati, għal dawn li ġejjin:

a. jekk il-modifika jew in-negozjar mill-ġdid tat-termini kuntrattwali u l-flussi ta’ flus li jirriżultaw humiex ta’ benefiċċju ekonomiku għall-obbligant, meta mqabbla mat-termini kuntrattwali oriġinali u mhux modifikati, u kif il-modifika taffettwa ekonomikament il-kapaċità tal-obbligant li jħallas lura d-dejn;

b. jekk jistgħux jiġu identifikati fatturi li jappoġġjaw il-valutazzjoni ta’ istituzzjoni ta’ kreditu tal-kapaċità tal-obbligant li jħallas lura d-dejn, inklużi ċirkostanzi li jwasslu għall-modifika, u l-prospetti futuri tal-obbligant bħala riżultat tal-modifiki, meta jitqiesu l-kundizzjonijiet attwali, il-previżjonijiet makroekonomiċi u l-prospetti għas-settur/l-industrija li fi ħdanha jopera l-obbligant, il-mudell tan-negozju tal-obbligant, u l-pjan (tal-ġestjoni) tan-negozju tal-obbligant li jiddeskrivi l-aspettattivi tal-obbligant tal-prestazzjoni, tar-reżiljenza finanzjarja u tal-flussi ta’ flus futuri tiegħu; u

c. jekk il-pjan tan-negozju tal-obbligant huwiex fattibbli, realizzabbli u konsistenti mal-iskeda tal-ħlas lura tal-imgħax u tal-prinċipali skont it-termini kuntrattwali modifikati tal-iskopertura tal-għoti ta’ self.

126. Skoperturi ta’ għoti ta’ self trasferiti għal ECL tul il-ħajja li sussegwentement jiġu negozjati mill-ġdid jew modifikati, u ma jiġux irtirati, m’għandhomx jiċċaqilqu lura għall-kejl tal-ECL fuq 12-il xahar sakemm ma jkunx hemm biżżejjed evidenza li r-riskju tal-kreditu matul il-ħajja tal-iskopertura ma żiedx b’mod sinifikanti meta mqabbel ma’ dak fir-rikonoxximent inizjali. Pereżempju, fejn istituzjoni ta’ kreditu tagħti diversi konċessjonijiet bħal tnaqqis fir-rata tal-imgħax jew posponimenti ta’ ħlas lura prinċipali lil obbliganti f’diffikultà finanzjarja, l-iskopertura tal-għoti ta’ self tista’ turi karatteristiċi ta’ riskju ta’ kreditu baxx anki jekk fil-verità

l-obbligant jista' jkompli jesperjenza diffikultà finanzjarja mingħajr prospetti realistiċi li jagħmel ħlas lura skedat matul it-terminu li fadal tal-iskopertura. Skont il-paragrafu B5.5.27 tal-IFRS 9 "l-evidenza li l-kriterji għar-rikonoxximent tal-ECL tul il-ħajja ma jintlaħqux aktar tista' tinkludi storja tal-prestazzjoni ta' pagamenti aġġornati u f'waqthom kontra t-termini kuntrattwali modifikati. Normalment, klijent irid juri mġiba tajba b'mod konsistenti ta' ħlas fuq perjodu ta' żmien qabel ma r-riskju ta' kreditu jitqies li naqas. Pereżempju, storja ta' ħlasijiet maqbuża jew inkompleti ġeneralment ma titħassarx billi sempliċiment isir ħlas wieħed fil-ħin wara modifika tat-termini kuntrattwali".

### 4.3.3 Użu ta' espedjenti prattiċi

127. L-IFRS 9 jinkludi numru ta' espedjenti prattiċi, bl-għan li jiġi ffaċilitat il-piż tal-implimentazzjoni għal firxa wiesgħa ta' kumpaniji fir-rikonoxximent tal-fatt li l-IFRS 9 ser jintużaw minn varjetà ta' entitajiet, inklużi entitajiet 'il barra mill-industrija bankarja.

128. Il-paragrafi hawn taħt jindirizzaw l-espedjenti prattiċi li ġejjin: is-sett ta' informazzjoni li entità teħtieġ tikkunsidra fil-kejl tal-ECL; l-eċċezzjoni għal skoperturi tar-riskju tal-kreditu "baxx"; u s-suppożizzjoni konfutabbli ta' 30 ġurnata mid-data ta' skadenza.

129. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħmlu użu limitat minn dawk l-espedjenti prattiċi għaliex għandhom il-potenzjal li jintroduċu parzjalità sinifikanti u għaliex — meta jitqies in-negozju tagħhom — l-ispiża biex tinkiseb l-informazzjoni rilevanti aktarx ma tinvolvix "spejjeż jew sforzi żejda". L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa li jagħmlu aġġustamenti meta jużaw espedjenti prattiċi biex jevitaw kwalunkwe parzjalità li tirriżulta, għaliex għandhom iqisu li l-għan tal-IFRS 9 hu li jagħtu stima tat-telf ta' kreditu mistenni biex jirriflettu ammont imparzjali u mwieżen bil-probabbiltà li jiġi determinat bil-valutazzjoni ta' firxa ta' riżultati possibbli (IFRS 9, paragrafu 5.5.17).

130. Fejn istituzzjoni ta' kreditu tuża dawn l-espedjenti prattiċi, il-ġustifikazzjonijiet għall-użu ta' espedjenti prattiċi għandhom ikunu dokumentati b'mod ċar mill-istituzzjoni ta' kreditu.

#### Is-sett ta' informazzjoni

131. L-IFRS 9, il-paragrafu B5.5.15, jiddikjara li "entità għandha tikkunsidra informazzjoni raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta li hi disponibbli mingħajr spejjeż u sforsi żejda" u li "entità m'għandhiex bżonn tagħmel tfittxija eżawrjenti għall-informazzjoni meta tkun qed tiddetermina jekk riskju ta' kreditu żdiedx b'mod sinifikanti mir-rikonoxximent inizjali". L-istituzzjonijiet ta' kreditu m'għandhomx jaqraw dawn id-dikjarazzjonijiet b'mod ristrett u għandhom jiżviluppaw sistemi u proċessi li jużaw l-informazzjoni kollha raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta li hi rilevanti għall-grupp ta' skoperturi jew għal skopertura individwali, kif meħtieġ biex tinkiseb implimentazzjoni ta' kwalità għolja, robusta u konsistenti tar-rekwiżiti kontabilistiċi. Madankollu, m'hemmx bżonn li jiġu introdotti piżijiet tal-ispejjeż u operazzjonali addizzjonali fejn ma jikkontribwixxux għal implimentazzjoni ta' kwalità għolja tal-IFRS 9.

## Eżenzjoni "ta' riskju tal-kreditu baxx"

132. Skont il-paragrafu 5.5.10 tal-IFRS 9, "entità tista' tassumi li r-riskju tal-kreditu fuq strument finanzjarju ma jkunx żdied b'mod sinifikanti mir-rikonoxximent inizjali jekk fid-data tar-rappurtar l-istrument finanzjarju jiġi determinati li jkollu riskju tal-kreditu baxx". Minkejja li l-istituzzjonijiet ta' kreditu għalhekk għandhom l-għażla għal skoperturi "b'riskju tal-kreditu baxx" li ma jivvalutawx jekk ir-riskju tal-kreditu żdiedx b'mod sinifikanti mir-rikonoxximent inizjali, l-użu ta' din l-eżenzjoni għandu jiġi limitat. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iwettqu valutazzjoni f'waqtha ta' żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu għall-iskoperturi tal-għoti ta' self kollha.

133. F'dak il-kuntest, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom dejjem jirrikonoxxu bidliet fl-ECL fuq 12-il xahar permezz tal-provvediment fejn ma jkunx hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu u jmexxi l-iskoperturi tal-għoti ta' self għall-kejl tal-ECL tul il-ħajja, jekk ikun hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu. Sabiex tinkiseb implimentazzjoni ta' kwalità għolja tal-IFRS 9, kwalunkwe użu tal-eżenzjoni tar-riskju tal-kreditu baxx għandu jiġu akkumpanjat b'evidenza ċara li fid-data tar-rappurtar ir-riskju tal-kreditu jkun baxx biżżejjed li żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu mir-rikonoxximent inizjali ma setgħetx seħħet.

134. Sabiex tintwera t-tifsira ta' riskju tal-kreditu baxx fl-IFRS 9, il-paragrafu B5.5.22, l-IFRS 9, il-paragrafu B5.5.23, bħala eżempju jikkwota strument b'klassifikazzjoni esterna tal-"grad ta' investiment". Madankollu, l-iskoperturi tal-għoti ta' self kollha li għandhom klassifikazzjoni tal-"grad ta' investiment" minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ma jistgħux jitqiesu ta' riskju tal-kreditu baxx awtomatikament. L-istituzzjonijiet ta' kreditu primarjament għandhom joqogħdu fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-kreditu tagħhom stess biex jivvalutaw ir-riskju tal-kreditu ta' skopertura ta' għoti ta' self, u mhux joqogħdu biss jew mekkanistikament fuq klassifikazzjonijiet li jingħataw minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (fejn dawn tal-aħħar ikunu disponibbli). Madankollu, klassifikazzjonijiet interni tal-kreditu ottimistiċi, meta mqabbla ma' klassifikazzjonijiet esterni, għandhom jeħtieġu analiżi u ġustifikazzjonijiet addizzjonali mill-korp maniġerjali jew mill-maniġment superjuri ta' istituzzjoni ta' kreditu.

## Suppożizzjoni konfutabbli skaduta b'aktar minn 30 ġurnata

135. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom fis-seħħ proċessi ta' valutazzjoni u ta' ġestjoni biex jiżguraw li żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu jiġu skoperti sew qabel ma l-iskoperturi jiskadu jew isiru delinkwenti. Minkejja li l-użu tas-suppożizzjoni konfutabbli skaduta b'aktar minn 30 ġurnata bħala miżura ta' garanzija ta' kontinġenza mhuwiex eskluż skont l-IFRS 9 flimkien ma' indikaturi oħrajn ta' qabel għall-valutazzjoni ta' żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jevitaw li jużawha bħala indikatur primarju tat-trasferiment għal ECL tul il-ħajja.

136. Kull dikjarazzjoni li s-suppożizzji skaduta b'aktar minn 30 ġurnata hi kkonfutata fuq il-bażi li ma kienx hemm żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu għandha tiġi akkumpanjata minn analiżi bir-reqqa li turi b'mod ċar li l-iskadenza ta' 30 ġurnata mhijiex korrelatata ma' żieda sinifikanti

fir-riskju tal-kreditu[18]. Din l-analiżi għandha tikkunsidra kemm informazzjoni li tħares 'il quddiem raġjonevoli u kemm dik li tista' tiġi sostnuta li tista' tikkawża li nuqqasijiet futuri ta' flus ivarjaw mill-esperjenza storika.

137. F'dan ir-rigward, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhomx jużaw informazzjoni rilevanti li tħares 'il quddiem li hi raġjonevoli u li tista' tiġi sostnuta biex janalizzaw jekk hemmx relazzjoni sustantiva bejn din l-informazzjoni u bejn l-ixprunaturi tar-riskju tal-kreditu. L-istituzzjonijiet ta' kreditu m'għandhomx jużaw is-suppożizzjoni konfutabbli skaduta b'aktar minn 30 ġurnata sakemm ma jkunux urew li l-informazzjoni li tħares 'il quddiem ma kellha l-ebda relazzjoni sostantiva mal-ixprunatur tar-riskju tal-kreditu jew li din l-informazzjoni ma tkunx disponibbli mingħajr spejjeż jew sforzi żejda.

138. Fil-każijiet limitati fejn l-informazzjoni skaduta hi l-aqwa kriterju disponibbli għal istituzzjoni ta' kreditu biex tiddetermina meta l-iskoperturi għandhom jiċċaqilqu għall-katerjorija tal-ECL tul il-ħajja, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-kejl tagħhom tal-provvediment tal-ECL ta' 12-il xahar biex jiżguraw li l-ECL jinqabad kif xieraq skont l-għan tal-kejl tal-IFRS 9. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iqisu li affidabbiltà sinifikanti fuq informazzjoni li tħares lura ser tintroduċi parzjalità fl-implimentazzjoni ta' mudell kontabilistiku tal-ECL u li għandhom jiżguraw li jiġu ssodisfati l-għanijiet tar-rekwiżiti tal-indeboliment tal-IFRS 9 (jiġifieri li jirriflettu ECL li jissodisfa l-għanijiet tal-kejl iddikjarati u li jaqbdu kull żieda sinifikanti fir-riskju tal-kreditu).

## 4.4 Valutazzjoni superviżorja tal-prattiki tar-riskju tal-kreditu, li jkopru telf ta' kreditu mistenni u adegwatezza tal-kapital

### 4.4.1 Prinċipju 1 — Valutazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tal-kreditu

L-awtoritajiet kompetenti perjodikament għandhom jivvalutaw l-effettività tal-prattiki tar-riskju tal-kreditu ta' istituzzjoni ta' kreditu.

139. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li l-istituzzjonijiet ta' kreditu adottaw u aderixxew għall-prattiki sodi tar-riskju tal-kreditu deskritti f'dawn il-linji gwida. Il-valutazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għal, jekk:

a. il-funzjoni tar-reviżjoni tar-riskju tal-kreditu interna tal-istituzzjoni ta' kreditu hix robusta u tinkludix l-iskoperturi tal-għoti ta' self kollha;

b. il-kwalità tal-proċessi u s-sistemi ta' istituzzjoni ta' kreditu għall-identifikazzjoni, il-klassifikazzjoni, il-monitoraġġ u l-indirizzar ta' bidliet fir-riskju tal-kreditu għall-iskoperturi tal-għoti ta' self kollha f'manjiera f'waqtha hix adegwata, u l-ġudizzju tal-kreditu għaqli tal-

[18] Pereżempju, f'ċerti ġurisdizzjonijiet hi prattika komuni għall-mutwatarji li jdewmu l-ħlas lura għal ċerti skoperturi, iżda l-istorja turi li dawk il-ħlasijiet nieqsa jiġu rkuprati bis-sħiħ fix-xhur ta' wara.

maniġment jikkunsidrax il-kundizzjonijiet attwali u informazzjoni li tħares 'il quddiem, inklużi fatturi makroekonomiċi, u jekk hix dokumentata sew;

c. il-proċessi tal-istituzzjoni tal-kreditu jirriflettux l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni ta' kreditu b'mod li jiżgura li l-iskoperturi tal-għoti ta' self li fuqhom żdied ir-riskju tal-kreditu mill-oriġini jew mix-xiri għal livell li jaqbeż l-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni tal-kreditu jiġu identifikati fil-pront u mmonitorjati kif xieraq, u l-istimi tal-provvediment tal-ECL jirriflettu b'mod xieraq iż-żidiet fir-riskju tal-kreditu ta' dawn l-iskoperturi kif jiġu identifikati żidiet. Fejn istituzzjoni ta' kreditu toriġina jew tixtri skopertura ta' għoti ta' self li fuqha r-riskju tal-kreditu fl-akkwist jaqbeż l-aptit tar-riskju tal-istituzzjoni u li għalhekk jirrappreżenta eċċezzjoni għall-politiki u għall-istandards tas-self tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw jekk l-istituzzjoni stabbilietx u taderixxix għal proċessi u kontrolli xierqa għal: l-identifikazjoni, ir-reviżjoni, l-approvazzjoni u d-dokumentazzjoni inizjali ta' dawn l-iskoperturi; ir-rappurtar ta' dawn l-eċċezzjonijiet tal-politika lill-maniġment superjuri u, għal skoperturi sinifikanti individwalment, lill-korp maniġerjali; u l-monitoraġġ xieraq ta' dawn l-iskoperturi wara r-rikonoxximent inizjali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ukoll jekk il-proċessi u l-kontrolli tal-istituzzjoni ta' kreditu jidentifikawx b'mod separat l-istimi tal-provvediment tal-ECL relatati mal-iskoperturi konsistenti mal-aptit għar-riskju tal-istituzzjoni tal-kreditu u dawk relatati ma' skoperturi ta' għoti ta' self b'riskju akbar;

d. informazzjoni xierqa dwar ir-riskju tal-kreditu ta' skoperturi ta' għoti ta' self, bidliet fir-riskju tal-kreditu, il-provvediment tal-ECL relatat u bidliet fl-istimi tal-provvediment jingħatawx lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni ta' kreditu fuq bażi regolari (pereżempju, kull kwart ta' sena jew, jekk mixtieq, fuq bażi iktar frekwenti);

e. previżjonijiet inklużi fil-valutazzjonijiet u fil-kejl tar-riskju tal-kreditu ma jkunux biss raġjonevoli u li jistgħu jiġu sostnuti, iżda jkunux konsistenti wkoll ma' previżjonijiet użati għal skopijiet oħra mill-istituzzjoni ta' kreditu, li kollha jsiru disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti; u

f. il-politiki u l-proċeduri tal-istituzzjoni ta' kreditu għall-validazzjoni tal-preċiżjoni u l-konsistenza tal-mudelli tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu interni jkunux robusti.

140. Biex jagħmlu dawn il-valutazzjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu l-istituzzjonijiet ta' kreditu jipprovdu informazzjonali supplimentali, mhux pubblikament żvelata, permezz ta' rappurtar superviżorju regolari, rappurtar ad hoc jew eżaminazzjonijiet fuq il-post. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw ukoll dawn l-approċċi biex jiksbu informazzjoni supplimentali meta jwettqu l-valutazzjonijiet imsejħa fil-prinċipji t'hawn taħt.

### 4.4.2 Prinċipju 2 — valutazzjoni tal-kejl tal-ECL

L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li l-metodi użati minn istituzzjoni ta' kreditu biex jiġu ddeterminati l-provvedimenti kontabilistiċi jwasslu għal kejl xieraq tal-ECL skont il-qafas kontabilistiku applikabbli.

141. Fil-valutazzjoni tal-metodi użati minn istituzzjoni ta' kreditu biex jagħtu stima tal-provvedimenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti li l-istituzzjoni ta' kreditu qed issegwi l-politiki u l-prattiki konsistenti mal-prinċipji tal-kejl tal-ECL deskritti f'dawn il-linji gwida, inklużi, iżda mhux limitati għal, dawn li ġejjin:

a. il-proċeduri użati minn istituzzjoni ta' kreditu biex tkejjel l-ECL ikunu robusti u f'waqthom u jqisu kriterji bħal valutazzjonijiet aġġornati ta' mitiganti tar-riskju tal-kreditu (u, b'mod partikolari, kollateral, ir-riskju residwu wara li jitqiesu l-mitiganti, il-korrelazzjoni ta' dak ir-riskju mal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarji u l-impatt potenzjali f'termini tal-effettività tal-protezzjoni), stimi tal-flussi ta' flus ibbażati fuq valutazzjonijiet ta' fatturi speċifiċi għall-mutwatarji u kundizzjonijiet makroekonomiċi attwali u futuri, flimkien ma' informazzjoni oħra li tħares 'il quddiem li taffettwa l-kapaċità tal-ġbir mistennija tal-iskopertura tal-għoti ta' self tal-istituzzjoni ta' kreditu;

b. il-qafas u l-metodoloġija għall-istabbiliment ta' provvedimenti, jekk jiġux determinati kollettivament jew individwalment, ikunu robusti;

c. il-provvedimenti aggregati fuq skoperturi ta' għoti ta' self ikunu xierqa skont ir-rekwiżiti kontabilistiċi xierqa u fir-rigward tal-iskopertura tar-riskju tal-kreditu fil-portafoll tal-istituzzjoni ta' kreditu;

d. l-impossibbiltà tal-ġbir tiġi rikonoxxuta fil-perjodu xieraq permezz ta' provvedimenti jew tħassir; u

e. irrispettivament mill-metodu li jintuża biex jiġi ddeterminat l-ECL, il-proċessi interni tal-istituzzjoni ta' kreditu għall-kejl tal-ECL iqisu r-riskju tal-kreditu li l-istituzzjoni ta' kreditu ħadet u l-bidliet fir-riskju tal-kreditu tal-iskoperturi tal-għoti ta' self tal-istituzzjoni ta' kreditu.

142. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskrutinizzaw l-użu ta' espedjenti prattiċi msemmija fit-taqsima 4.3 biex tiġi ddeterminata l-adegwatezza tal-kejl tal-ECL.

143. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jużaw ix-xogħol li sar minn awdituri interni u esterni fir-reviżjoni tal-funzjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu u tal-kejl tal-ECL ta' istituzzjoni ta' kreditu[19].

### 4.4.3 Prinċipju 3 — Valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital

L-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jikkunsidraw il-prattiki tar-riskju tal-kreditu ta' istituzzjoni ta' kreditu meta jivvalutaw l-adegwatezza ġenerali tal-kapital ta' istituzzjoni ta' kreditu.

[19] Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna (GL44) u Linji Gwida tal-EBA dwar il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awdituri statutorji (EBA/GL/2016/05)

144. Fil-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-livell ta’ provvedimenti għal skoperturi ta’ għoti ta’ self bħala element ta’ adegwatezza ġenerali tal-kapital ta’ istituzzjoni ta’ kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iħarsu lejn il-prattiki tar-riskju tal-kreditu tagħhom u jqisu li l-proċessi, il-metodoloġija u s-suppożizzjonijiet sottostanti tal-ECL relatati tal-istituzzjoni ta’ kreditu jeħtieġu l-eżerċizzju ta’ livell sostanzjali ta’ ġudizzju tal-kreditu għaqli.

145. Fit-twettiq tal-valutazzjonijiet tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jekk istituzzjoni ta’ kreditu:

a. żammitx sistemi u kontrolli effettivi għall-identifikazzjoni, il-kejl, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-livell tar-riskju tal-kreditu, żidiet sinifikanti fir-riskju tal-kreditu u problemi tal-kwalità tal-assi b’mod xieraq;

b. analizzatx il-fatturi rilevanti kollha li jaffettwaw ir-riskju tal-kreditu u l-kapaċità tal-ġbir tal-portafoll; u

c. stabbilietx proċess tal-istima tal-provvedimenti aċċettabbli li, bħala minimu, jissodisfa l-prinċipji stabbiliti f'dawn il-linji gwida, inklużi r-rekwiżiti kontabilistiċi rilevanti.

146. Fil-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kif il-politiki u l-prattiki kontabilistiċi u tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu ta’ istituzzjoni ta’ kreditu jaffettwaw il-kejl tal-assi u tal-qligħ tal-istituzzjoni tal-kreditu u, għalhekk, il-pożizzjoni kapitali tagħha.

147. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw nuqqasijiet meta jivvalutaw il-prattiki tar-riskju tal-kreditu ta’ istituzzjoni ta kreditu, huma għandhom jikkunsidraw kif dawn in-nuqqasijiet jaffettwaw il-livell ta’ provveddimenti rrappurtat u, jekk l-ammont aggregat ta’ provvedimenti ma jkunx xieraq skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha tiddiskuti dan mal-maniġment superjuri u mal-korp maniġerjali tal-istituzzjonijiet tal-kreditu u tiegħu azzjoni superviżorja ulterjuri meta jkun meħtieġ.

148. B’mod partikolari, sal-punt fejn in-nuqqasijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu jew tal-kejl tal-ECL ikunu sinifikanti jew ma jiġux rimedjati fuq bażi f’waqtha, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw jimponux rekwiżiti addizzjonali tal-fondi proprji skont l-Artikolu 104 taħt it-Taqsima III, Kapitolu 2, Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE.